



Dokument ta' sessjoni

A9-0389/2023

4.12.2023

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport
annwali 2023
(2023/2117(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: David McAllister

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	36
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	37
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	38
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	39

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2023 (2023/2117(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b' mod partikolari l-Artikoli 21 u 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-15 ta' Ġunju 2023 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bit-titolu “CFSP Report – Our priorities in 2023” (Rapport tal-PESK– Il-prioritajiet tagħna fl-2023”),
- wara li kkunsidra l-“Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali”, approvat mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku tan-NATO adottat mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fis-Summit tan-NATO f' Madrid fid-29 ta' Ġunju 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u tat-30 ta' Ġunju 2023,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528¹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Regġuni u l-Bank Ewropew tal-Investiment tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu “Il-Portal Globali” (JOIN(2021)0030),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 bit-titolu “Komunikazzjoni tal-2022 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE” (COM(2022)0528),
- wara li kkunsidra r-rapporti tat-tkabbir tal-2023 u l-Pjan tat-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, li ġew ippreżentati mill-Kummissjoni fit-8 ta' Novembru 2023,

¹ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14.

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-istrateġija l-għdida tal-UE għat-tkabbir²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2023 bit-titolu “Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew” (JOIN(2023)0017),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-23 ta' Frar 2023 bit-titolu “Principles of the Charter of the United Nations underlying a comprehensive, just and lasting peace in Ukraine” (Prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li fuqha hija bbażata l-paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna (A/RES/ES-11/6), u r-risoluzzjonijiet preċedenti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-7 ta' April 2022 bit-titolu “Suspension of the rights of membership of the Russian Federation in the Human Rights Council” (Sospensjoni tad-drittijiet ta' sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem) (A/RES/ES-11/3),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni bit-titolu “Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development” (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli” (Aġenda 2030) (A/RES/70/1), li ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015 fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York u li stabbiliet l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta' Jannar 2023 dwar Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA)³,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2022/1970 tas-17 ta' Ottubru 2022⁴ u 2022/2507 tad-19 ta' Diċembru 2022⁵ li jemendaw id-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023 dwar ir-relazzjonijiet UE-Armenja⁶ u r-relazzjonijiet UE-Ażerbajġan⁷, ir-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2023 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-imblokk fin-Nagorno-Karabakh⁸ u r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2023 dwar is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh wara l-attakk mill-Ażerbajġan u t-theddid kontinwu kontra l-Armenja⁹,

² ĠU C 167, 11.5.2023, p. 105.

³ ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29.

⁴ ĠU L 270, 18.10.2022, p. 93.

⁵ ĠU L 325, 20.12.2022, p. 110.

⁶ ĠU C, C/2023/404, 23.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/404/oj>.

⁷ ĠU C, C/2023/405, 23.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/405/oj>.

⁸ ĠU C 214, 16.6.2023, p. 104.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2023)0356.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-PSDK ċivili u ta' forom oħra ta' assistenza tal-UE fir-rigward tas-sigurtà ċivili¹⁰,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-relazzjoni strateġika u s-šhubija tal-UE mal-Qarn tal-Afrika¹¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar id-deterjorament tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong, b'mod partikolari l-każ ta' Jimmy Lai¹²,
- wara li kkunsidra r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni¹³ u r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea¹⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, adottati f'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u -għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna 2021–2025 (GAP III) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) 2019-2024,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja¹⁵, li stabbiliet protezzjoni temporanja għall-persuni li jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tas-16-17 ta' Mejju 2023 bit-titolu “Reykjavik Declaration – United around our values” (Dikjarazzjoni ta' Rejkjavik – Magħqudin madwar il-valuri tagħna),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Šhubija Futura tal-Belarussja fl-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni mill-Forzi Demokratiċi tal-Belarussja dwar is-Solidarjetà mal-Poplu tal-Ukrajna u d-Dikjarazzjoni Politika mill-Forzi Demokratiċi tal-Belarussja, li kollha ġew adottati fil-Konferenza tal-Belarussja l-Ġdida fis-6 ta' Awwissu 2023,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-

¹⁰ Testi adottati, P9_TA(2023)0106.

¹¹ ĠU C 132, 14.4.2023, p. 115.

¹² Testi adottati, P9_TA(2023)0242.

¹³ Testi adottati, P9_TA(2023)0219.

¹⁴ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 61.

¹⁵ ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.

rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-għieda kontra l-korruzzjoni¹⁶,

- wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Mejju 2022 dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa,
 - wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu “Qualified majority voting in common foreign and security policy – A cost of non-Europe report” (Votazzjoni b' maġġoranza kwalifikata fil-politika estera u ta' sigurtà komuni – Rapport dwar il-kost tan-non-Ewropa), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari fit-28 ta' Awwissu 2023¹⁷,
 - wara li kkunsidra r-Regola 54 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0389/2023),
- A. billi l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli qed tiġi dejjem aktar mhedda minn atturi awtokratiċi, li jaħdmu waħedhom jew permezz ta' azzjoni konċertata, li jippruvaw jinfluwenzaw jew jimminaw organizzazzjonijiet multilaterali, jistabbilixxu organizzazzjonijiet kompetituri, jikkawżaw destabbilizzazzjoni permezz ta' ritorn għal mentalità ta' sfera ta' influwenza u jheddu l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli kif ukoll is-sigurtà globali u reġjonali;
- B. billi dawn l-atturi dejjem aktar awtokratiċi jikkontestaw ukoll l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u jimminaw l-istandards demokratiċi madwar id-dinja; billi l-UE u sħab tal-istess fehma għandhom jiddefendu l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bħala kwistjoni ta' prijorità;
- C. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha, inklużi l-inċertezza ekonomika, l-insigurtà tal-ikel u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, żiedu l-instabbiltà fil-viċinat immedjat tal-UE, u b'hekk ġiegħlu lill-UE tagħti prijorità mġedda lill-politika ta' tkabbir tagħha, li wriet li hija l-aktar strument effettiv tal-politika barranija;
- D. billi fil-pakkett tat-tkabbir tal-2023 ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rakkomandat li jinfetħu negozjati għall-adeżjoni mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, li jinfetħu negozjati għall-adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji ta' sħubija, u l-ġoti ta' status ta' kandidat lill-Georgia bil-fehim li għad iridu jittieħdu ċerti passi; billi l-Kummissjoni ppreżentat ukoll Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, li huwa mfassal biex jagħti spinta lill-integrazzjoni ekonomika fil-Balkani tal-Punent u jnaqqas id-distakk soċjoekonomiku bejn l-Unjoni u s-sħab tagħna sal-aħħar ta' dan id-deċennju; billi l-fondi se jingħataw mal-eżekuzzjoni ta' aġendi ta' riforma individwali; billi l-politika tat-tkabbir trid tkun irregolata mill-kriterji ta' Copenhagen u għandha tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu; billi l-UE jeħtiġilha tħaffef il-politika tat-tkabbir tagħha

¹⁶ Testi adottati, P9_TA(2023)0292.

¹⁷ Studju – “Qualified majority voting in common foreign and security policy – A cost of non-Europe report” (Votazzjoni b' maġġoranza kwalifikata fil-politika estera u ta' sigurtà komuni – Rapport dwar il-kost tan-non-Ewropa), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, 28 ta' Awwissu 2023.

- filwaqt li l-pajjiżi tal-adeżjoni jkomplu jirriformaw u jiksbu l-punti ta' riferiment meħtieġa; billi messaġġi konsistenti u triq ċara lejn l-integrazzjoni għall-pajjiżi kandidati huma vitali biex il-perspettiva favur l-Ewropa tinżamm ħaġġa; billi l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jeħtiġilhom jiffukaw fuq ir-risoluzzjoni tal-kunflitti, ir-rikonċiljazzjoni, l-allinjament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), il-kooperazzjoni reċiproka u r-riformi sabiex jinkisbu s-sigurtà u l-istabbiltà komuni tar-reġjun;
- E. billi l-istabbiltà fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar l-Iswed hija ta' importanza kbira għas-sigurtà tal-Ewropa, inkluża s-sigurtà tal-enerġija tagħha, kif iddikjarat fil-Boxxla Strateġika tal-UE u min-NATO, u għalhekk tirrikjedi strateġiji komprensivi u azzjonijiet sinifikattivi; billi l-UE ma tistax titqies bħala attur globali ta' suċċess u kredibbli, jekk ma tistax tipprovdi sigurtà fil-viċinat immedjat tagħha;
- F. billi l-Kunsill estenda l-protezzjoni temporanja għan-nies li jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mill-4 ta' Marzu 2024 sal-4 ta' Marzu 2025;
- G. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa affermat mill-ġdid ir-rwol tan-NATO bħala l-pedament tad-difiża kollettiva tal-membri tagħha u kkonfermat għal darba oħra l-inkapaċità ta' rabta trans-Atlantika b'saħħitha; billi d-deċiżjoni tan-NATO li timpenja minimu ta' 2 % tal-prodott domestiku gross għall-infiq fuq id-difiża ġiet implimentata biss minn ftit membri tan-NATO msieħba fl-UE; billi l-intenzjoni tar-Russja li żżarma l-arkitettura tas-sigurtà Ewro-Atlantika ma rnexxiex minħabba d-difiża eroika tal-Ukrajna u r-reazzjoni ta' malajr u deċiżiva mill-alleati tan-NATO;
- H. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzat il-ħtieġa ta' azzjoni tal-UE iżjed ambizzjuża, kredibbli u strateġika kif ukoll unita fuq livell dinji u li l-Istati Membri juru r-rieda politika meħtieġa biex isaħħu l-PESK u biex jittrasformawha f'politika Ewropea kompletament żviluppata;
- I. billi hemm ħtieġa urġenti li tiġi operazzjonalizzata l-awtonomija strateġika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, inkluż fil-qasam tal-politika tad-difiża, li se tippermetti lill-Unjoni tiddefendi l-interessi tagħha mingħajr dipendenza eċċessiva fuq stati terzi, tippromwovi l-valuri tagħha u ssaħħaħ il-kontribut tagħha għall-multilateraliżmu globali, ir-risoluzzjoni paċifika tal-kunflitt u l-iżvilupp tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali madwar id-dinja;
- J. billi ż-żieda fl-instabbiltà u fil-volatilità tal-ambjent internazzjonali tippreżenta theddidiet multidimensjonali għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Unjoni; billi l-UE jeħtieġ li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi bħala rispons u tibni sħubijiet strateġiċi bbażati fuq ir-rispett u l-fiduċja reċiproka ma' sħab tal-istess fehma fin-Nofsinhar Globali;
- K. billi fid-19 ta' Settembru 2023, l-Azerbajġan nieda offensiva militari mhux ipprovokata kontra Nagorno-Karabakh, li ntemmet f'waqfien mill-ġlied impost bejn l-Azerbajġan u l-awtoritajiet ta' Nagorno-Karabakh; billi l-ostilitajiet li reġġu bdew fil-Kawkasu tan-Nofsinhar huma kawża ta' tħassib serju u jirrikjedu involviment aktar proattiv tal-UE fir-reġjun;
- L. billi l-instabbiltà dejjem tikber fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE u fir-reġjun usa' tal-Mediterran, kif ukoll fis-Sahel u fl-Afrika sub-Saħarjana, tippreżenta sfidi serji għas-

sigurtà u għall-istabbiltà tal-Unjoni u għall-kapaċità tagħha li ssir attur deċiżiv fix-xena internazzjonali;

- M. billi t-tensjonijiet fir-reġjun Indo-Paċifiku qed jingħataw aktar rilevanza, b' mod partikolari minħabba l-pożizzjoni dejjem aktar assertiva adottata mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kontra t-Tajwan;
- N. billi t-tnaqqis fil-libertà tal-media, l-attakki kontinwi fuq il-ġurnalisti, it-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija jheddu d-demokrazija u s-sigurtà tal-UE; billi l-UE jeħtiġilha tikkoopera ma' sħab tal-istess fehma biex tiddefendi l-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni u tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija f'pajjiżi terzi;
- E. billi l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima qegħdin ikollhom impatt dejjem aktar serju fuq aspetti differenti tal-ħajja tal-bniedem, inkluż l-ordni ġeopolitika u s-sigurtà u l-istabbiltà globali; billi huwa ta' importanza kruċjali li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li teħtieġ azzjoni dwar il-klima, tgħin lil dawk li jiffaċċjaw l-aktar riperkussjonijiet serji;
- P. billi fid-dawl tal-kollass ta' ftehimiet importanti dwar il-kontroll tal-armi u d-diżarm, iżda wkoll fid-dawl ta' teknoloġiji emerġenti, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni għandhom isiru punt fokali tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE;
- 1. Jenfasizza li r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-PESK huma komponent ewlieni tal-kontribut tiegħu għat-tfassil tal-politika barranija tal-UE; jissottolinja li dawn ir-risoluzzjonijiet juru l-implikazzjoni Prattika tad-dritt imsaħħa ta' skrutinju fil-qasam tal-politika barranija mogħti lill-Parlament mit-Trattat ta' Liżbona; ifakkar li r-risoluzzjoni tal-2023 hija l-aħħar risoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-PESK f'dan il-mandat leġiżlattiv u għandha l-għan li sservi bħala gwida għall-eżekuttiv li jmiss tal-UE meta jstabilixxi il-prijoritajiet ta' politika barranija għat-terminu li jmiss u jkompli jimplimentahom; jenfasizza li f'ambjent internazzjonali dejjem aktar volatili, l-UE jeħtieġ li fl-istess ħin tindirizza diversi sfidi tal-politika barranija li jaffettwaw direttament u indirettament, bħall-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna, li qed iżżid il-kompetizzjoni kbira fil-qasam tal-enerġija, u potenzjalment tiddefinixxi mill-ġdid il-bilanċ globali tal-poter, tentattivi kostanti biex tiġi mminata l-ordni internazzjonali multilaterali bbażata fuq ir-regoli u rabta akbar tal-kriżijiet barranin u interni; jemmen bil-qawwa li sabiex tibqa' rilevanti fix-xena internazzjonali u tkun tista' tiddefendi b' mod effettiv l-interessi u l-valuri tagħha, l-UE jeħtiġilha tisfrutta r-rieda politika tal-Istati Membri biex jilħqu l-għanijiet tal-politika barranija permezz ta' strumenti fil-livell tal-UE, iżżid il-kapaċitajiet, taħdem ma' sħab tal-istess fehma u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u tiffoka fuq l-għoti ta' offerta kompetittiva għan-Nofsinar Globali, billi tagħmel użu kemm jista' jkun effettiv mir-riżorsi, mill-politiki u mill-ġhodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha bħala parti mill-approċċ integrat; jenfasizza li sabiex taġixxi bħala attur globali fl-ambjent globali attwali, l-UE trid twettaq politika barranija determinata, dixxiplinata u assertiva li tissodisfa l-oġettivi strateġiċi tagħha stess u tkompli tiddefinixxi, tasserixxi u tiddefendi b' mod proattiv l-interessi tagħha fid-dinja;
- 2. Jisħaq li l-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala attur globali fil-politika barranija, sieħeb internazzjonali affidabbli u attur kredibbli fis-sigurtà u d-difiża jiddependu mill-iżvilupp

u t-tisħiħ tal-azzjonijiet esterni tagħha fil-PESK, kif ukoll fuq il-kapaċità tagħha li tiddefinixxi b'mod proattiv, tasserixxi u tiddefendi l-interessi tagħha fid-dinja mingħajr dipendenza żejda fuq ir-riżorsi ta' stati terzi, li jistgħu jħallu lill-Unjoni miftuħa għad-diviżjoni interna, dwar it-tisħiħ mill-ġdid tas-sħubijiet eżistenti u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u dwar ir-rieda politika li tittieħed inizzjattiva u responsabbiltà akbar fix-xena globali filwaqt li tissalvawardja, tiddefendi u tippromwovi b'mod effettiv il-valuri tagħha; jisħaq ukoll li l-Istati Membri jeħtieġ li jippermettu lill-UE titkellem b'vuċi waħda, u b'hekk tiżdied il-kredibbiltà u tiġi ppreżervata l-koerenza; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, li huwa ta' importanza kbira li jissaħħu l-unità u s-solidarjetà billi tiġi żviluppata aktar perċezzjoni komuni tat-theddid;

3. Ifakkar li l-UE għandha tkun iggwidata fl-azzjoni esterna tagħha mill-valuri u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2, l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 21 tat-TUE, li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tal-UE stess, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt internazzjonali; jesprimi dispaċir għall-fatt li l-Unjoni xi drabi ma tissodisfax dawn l-oġettivi, b'impatt negattiv fuq l-interessi, is-sigurtà u r-reputazzjoni internazzjonali tagħha; jissottolinja li l-impenn ambizzjuż tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem jirrikjedi li din tkun konsistenti u eżemplari;
4. Jemmen li l-UE għandha ssawwar il-PESK tagħha kif xieraq, u abbażi tal-erba' oġettivi li ġejjin:
 - (a) l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna,
 - (b) l-adattament progressiv tal-istrutturi, l-istrumenti, il-kapaċitajiet, il-fondi u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE,
 - (c) it-tisħiħ u d-difiża ta' multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, u
 - (d) l-affermazzjoni tal-interessi permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi robusti u sħubijiet tal-istess fehma;

L-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna,

5. Jinsab imħasseb li l-gwerra Russa illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, permessa u appoġġjata mir-reġim ta' Lukashenka fil-Belarusja u r-reġim fl-Iran, reġgħet gābet il-gwerra fil-kontinent Ewropew; itenni l-kundanna tiegħu, bl-aktar mod qawwi possibbli, tal-azzjonijiet tat-tmexxija Russa, li jinkludu l-ksur tad-dritt internazzjonali, il-ksur ta' fruntieri rikonoxxuti, it-trasferiment u d-deportar illegali ta' persuni u tfal protetti u t-twettiq ta' serq tal-art u delitti serji tal-gwerra; jitlob li r-Russja u l-forzi bi prokura tagħha jwaqqfu kull azzjoni militari u li t-tmexxija Russa tirtira t-truppi tagħha immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet mit-territorju rikonoxxut internazzjonalment tal-Ukrajna u minn kwalunkwe pajjiż ieħor li hija okkupat illegalment it-territorju tiegħu, jew partijiet minnu; jikkundanna kwalunkwe attakk ibridu użat mir-Russja fl-Ukrajna u jiddenunzja bil-qawwa t-tixrid tal-propaganda tar-Russja dwar il-gwerra tagħha fl-Ukrajna;

6. Jikkundanna r-rwol tar-reġim illeġittimu ta' Aliaksandr Lukashenka tali *de facto* ċeda s-sovranità nazzjonali lill-Kremlin sabiex iżomm il-kontroll tiegħu fuq il-Belarussja;
7. Itenni li l-Georgia esperjenzat aggressjoni militari Russa sa minn Awwissu 2008; jikkundanna bil-qawwa l-okkupazzjoni illegali li għaddejja mir-Russja tar-reġjuni tal-Georgia ta' Abkhazia u Tskhinvali/tal-Ossetia tan-Nofsinhar u bl-istess mod jikkundanna t-tfixkil tas-sovranità u tal-integrità territorjali tal-Moldova permezz tal-preżenza ta' truppi Russi fit-Tranżnistrija; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Georgia u tal-Moldova u jissottolinja li t-tentattivi malizzjużi tar-Russja biex tibdel b'mod furzat il-fruntieri tal-istati sovrani fl-Ewropa jippreżentaw theddida serja għas-sigurtà tal-UE; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà mal-Ukrajna, mal-Georgia u mar-Repubblika tal-Moldova, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u ċ-ċibersigurtà;
8. Jagħti ġieħ lill-poplu kuraġġuż tal-Ukrajna, li mhux biss qed jiddefendi b'kuraġġ pajjiżu, is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tiegħu, iżda wkoll il-valuri u s-sigurtà Ewropej, u qed iħares in-normi u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Helsinki; jesprimi r-rispett u l-gratitudni tiegħu għall-appoġġ ipprovdut mill-individwi u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lill-poplu tal-Ukrajna; jilqa' l-azzjonijiet tal-poplu tal-Georgia u tal-Belarussja li jappoġġjaw b'mod attiv il-ġlieda tal-Ukrajna; jilqa' l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
9. Jenfasizza li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tiddestabilizza u thedded is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Viċinat tal-Lvant u tal-Balkani tal-Punent, li min-naħa tagħha tipperikola s-sigurtà tal-UE nnifisha; iqis li l-UE għandha għalhekk tagħti prijorità lir-riforma tal-politika tal-viċinat tagħha u tħaffef il-proċess tat-tkabbir b'mod parallel mar-riformi istituzzjonali u tat-teħid tad-deċiżjonijiet meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-Unjoni;
10. Jappella għal strateġija ta' komunikazzjoni aktar attiva sabiex jiġu promossi r-rwol u l-benefiċċji tat-tkabbir fil-Balkani tal-Punent u fis-Sħubija tal-Lvant, kif ukoll biex tiġi promossa l-assistenza finanzjarja u teknika tal-UE;
11. Jinnota bi tħassib partikolari l-effett konsegwenzjali tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari fil-Viċinat tan-Nofsinhar, fir-reġjun usa' tal-Mediterran, fil-Kawkasu tan-Nofsinhar, fl-Asja Ċentrali, fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani; jiddeplora l-inflwenzi malinni Russi, il-gwerra ibrida u l-kampanji ta' diżinformazzjoni f'dawn ir-reġjuni u jappella għal involviment u assistenza akbar tal-UE;
12. Jilqa' t-tielet laqgħa tal-Komunità Politika Ewropea (EPC) bħala pjattaforma għad-diskussjoni, għad-djalogu u għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab; jappella għall-involviment mill-qrib tal-Parlament fil-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-ħidma futura tal-EPC; jissottolinja li, għas-suċċess u l-koerenza futuri ta' dan il-format, xi livell ta' allinjament mal-valuri u l-prinċipji demokratiċi huwa essenzjali; itenni li l-EPC ma tista' fl-ebda ċirkostanza tiffirma pretest għal dewmien fl-adeżjoni tal-pajjiżi tat-tkabbir mal-UE;
13. Itenni l-ħtieġa li l-Istati Membri jagħmlu investimenti kollettivi u kkoordinati tajjeb fid-

difiża u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u malajr tal-Boxxla Strateġika, li tintegra t-tagħlimiet meħuda mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bl-objettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina li tkun interoperabbli u komplementari mal-alleanza tan-NATO u li meta jkun meħtieġ tista' taġixxi b'mod indipendenti;

14. Jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jkun hemm aktar dialogu man-NATO dwar l-istabbiliment tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija tkun kompletament operattiva sal-2025; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli jipproponi deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE biex tiproteġi l-valuri tal-Unjoni u taqdi l-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi, biex tirrispondi għal theddid imminenti u tirreaġixxi malajr għal sitwazzjoni ta' kriżi barra mill-Unjoni, inkluż f'ambjenti mhux permissivi u matul l-istadji kollha ta' ċiklu ta' kunflitt; jissottolinja li l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE għandha tiġi stabbilita bħala forza li hija disponibbli b'mod permanenti u li tħarreġ flimkien mal-għan li ssir forza permanenti;
15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied il-produzzjoni tal-munizzjon militari fl-UE, li għandha tinkiseb permezz ta' kooperazzjoni industrijali u produzzjoni konġunta akbar; itenni l-ħtieġa urġenti li jintlaħaq il-punt ta' riferiment Ewropew ta' 35 % għall-akkwist ta' tagħmir tad-difiża kollaborattiva u l-punt ta' riferiment Ewropew ta' 20 % għar-riċerka kollaborattiva u t-teknoloġija tad-difiża miftiehem mill-Istati Membri kollha fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; jitlob li ċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE u ċ-Ċentru tar-Rispons għall-Kriżijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jissaħħu permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' flussi awtomatiċi ta' intelliġenza mill-Istati Membri lis-SEAE u liċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà li jseħħu barra mill-UE;
16. Jilqa' l-finanzjament addizzjonali għall-Faċilità Ewropea għall-Paċi u jistieden lill-Istati Membri jtejbju l-kapaċità tal-Faċilità li taġixxi permezz ta' finanzjament sostenibbli u xieraq; jilqa' d-deċiżjonijiet li jiġi stabbilit l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon u t-tiħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz ta' att ta' akkwist komuni sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet Ewropej tad-difiża; itenni l-appell tiegħu biex titnieda b'mod urġenti diskussjoni bil-għan li tiġi stabbilita faċilità finanzjarja oħra barra l-baġit li tindirizza ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kapaċitajiet militari fil-livell tal-UE;
17. Jinnota li r-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna qed jiġi segwit mill-qrib minn atturi awtokratiċi madwar id-dinja u se jkollu influwenza deċiżiva fit-tiswir tal-imġiba tagħhom fix-xena internazzjonali; ifaħħar lill-Kunsill u lill-Istati Membri għar-rispons determinat għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' l-mobilizzazzjoni ta' ammonti bla preċedent ta' assistenza makroekonomika, finanzjarja, ekonomika u umanitarja għall-Ukrajna, il-kunsinna ta' armi u munizzjon mill-Istati Membri, li kienet possibbli wkoll permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, u l-adozzjoni, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, ta' 11-il pakkett ta' sanzjonijiet li għandu jkollhom impatt devastanti fuq l-ekonomija Russa; jinsab imħasseb, madankollu, mill-fatt li l-Ungerija għadha qed timblokka t-tmien porzjon tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi ddedikata għall-Ukrajna; jitlob li l-Federazzjoni Russa tiġi iżolata u ssir pressjoni ulterjuri fuqha billi tissaħħa l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi, anke kontra l-Belarussja; jappella għal diplomazija proattiva ma' pajjiżi terzi, flimkien

ma' sħab tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Istati Uniti, il-Kanada u r-Renju Unit, sabiex tiġi mminimizzata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet u jingħalqu l-lakuni legali kollha li fadal biex titwaqqaf din il-prattika; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' miżuri restrittivi fuq id-djamanti Russi;

18. Jilqa' d-determinazzjoni murija mill-Unjoni u mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-insewiment ta' indipendenza sħiħa tal-enerġija mill-Federazzjoni Russa; itenni l-appell tiegħu għal embargo immedjat u sħiħ fuq l-importazzjonijiet Russi ta' fjuwils fossili u prodotti magħmula biż-żejt mhux maħdum tar-Russja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ għall-fjuwils fossili sabiex tiġi pprevenuta r-riesportazzjoni; jesprimi tħassib dwar il-fatt li, fl-aħħar sena, xi Stati Membri żiedu l-importazzjonijiet tagħhom tal-gass naturali u tal-LNG mir-Russja;
19. Ifakkar li l-applikazzjoni konsistenti u uniformi ta' miżuri restrittivi fl-Istati Membri kollha hija prekondizzjoni għall-kredibiltà u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE; jistieden lill-pajjiżi terzi kollha, u b'mod partikolari lill-pajjiżi kandidati tal-UE, juru impenn mhux ambigwu għad-dritt internazzjonali u għall-interessi u l-valuri strateġiċi tal-UE u jallinjaw mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod kritiku l-assistenza tal-UE lil pajjiżi terzi li jappoġġjaw b'mod attiv l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Kunsill jimponi miżuri restrittivi fuq pajjiżi terzi li jippermettu l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna, kemm jekk permezz tal-faċilitazzjoni ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kif ukoll permezz tal-għoti ta' assistenza militari diretta, bħal fil-każ tal-Iran;
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jimmobilizzaw appoġġ internazzjonali għall-formula ta' paċi ppreżentata mill-Ukrajna u jimpenjaw ruħhom f'impenji ta' sigurtà fil-konfront tal-Ukrajna kif rakkomandat fil-Patt tas-Sigurtà ta' Kiev; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu pressjoni għall-ħolqien ta' tribunal internazzjonali speċjali għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni u ta' gwerra kontra l-Ukrajna, inkluża l-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitt, imwettqa mit-tmexxija politika u militari tal-Federazzjoni Russa u l-alleati tagħha, b'mod partikolari l-Belarusja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jindikaw il-Grupp militari privat ta' Wagner iffinanzjat mill-Istat Russu bħala organizzazzjoni terroristika; jilqa' ċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna, ospitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), li se jaġevola l-bini ta' każijiet għal proċessi futuri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib u tfassal assi Russi mmobilizzati u toħroġ bi proposta legalment soda u effettiva għall-użu ta' dawn l-assi biex tiffinanzja r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li tiżgura li din il-proposta legalment soda tiġi żviluppata f'koordinazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab tal-G7; jenfasizza li t-nehħija tal-mini u l-ikklijar ta' munizzjon mhux splodut huma prerekwiżiti għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, inkluża l-produzzjoni agrikola tagħha, li hija vitali għall-ekonomija tal-pajjiż u għas-sigurtà tal-ikel globali; jenfasizza li dawn l-isforzi se jirrikjedu finanzjament komprensiv u fit-tul;
21. Jilqa' l-ħolqien ta' malajr u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna u jissuġġerixxi li l-UE tikkunsidra li ssaħħaħha; jinnota li din il-missjoni hija turija tanġibbli tal-appoġġ sod tal-UE għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiż; jitlob li ssir ħidma biex jiġu stabbiliti

missjonijiet internazzjonali oħra sabiex tiġi ssalvagwardjata l-libertà tan-navigazzjoni u jiġu appoġġjati l-kurituri umanitarji u l-passaġġ sikur tal-qamħ Ukren;

22. Jistieden lill-Istati Membri jżommu d-determinazzjoni u l-unità li diġà wrew u jipprovdu lill-Ukrajna b'iżjed appoġġ politiku, umanitarju, militari, relatat mal-infrastruttura, ekonomiku u finanzjarju biex tirbaħ din il-gwerra; jilqa', f'dan ir-rigward, l-assistenza pprovduta mill-Istati Membri, kemm individwalment kif ukoll permezz ta' strumenti tal-UE, inkluża l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza sħiħa fl-implimentazzjoni tal-Faċilità; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jipprovdu l-għajnuna militari meħtieġa għall-Ukrajna biex tkeċċi l-forzi Russi mit-territorju tagħha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipproduċu munizzjon u jipprovdu lill-forzi armati tal-Ukrajna, flimkien ma' riżorsi meħtieġa oħra għall-Ukrajna biex tagħmel manutenzjoni fuq it-tagħmir militari tagħha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jipprovdu appoġġ finanzjarju u politiku għas-soċjetà ċivili fl-Ukrajna u madwarha;
23. Jinsisti li l-UE ma tistax tibqa' sserraħ fuq il-mobilizzazzjoni *ad hoc* u jfakkar, f'dan il-kuntest, fil-ħtieġa li ntejbu u niddefinixxu b'mod ċar il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'rispons għall-kriżijiet globali b'mod sostenibbli; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-UE għandha tkompli tiżviluppa l-istrumenti awtonomi u reżiljenti tagħha stess fl-azzjoni esterna tagħha u fil-PESK; ifakkar li l-Boxxla Strateġika tistabbilixxi azzjoni ambizzjuża u tagħti lill-UE l-għodod biex tkun kemm fornitur effettiv tas-sigurtà kif ukoll attur globali aktar assertiv, u għalhekk jappella għall-implimentazzjoni malajr u sħiħa tagħha; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jsaħħu l-kapaċità tagħhom għal prospettiva strateġika sabiex iħejju għall-isfidi futuri;
24. Jappella użu aktar dinamiku u konsistenti tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'raba mad-Drittijiet tal-Bniedem, li għadu mhux sfruttat biżżejjed fis-sett ta' għodod tal-politika barranija tal-UE; jilqa' l-proposta tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għal reġim ta' sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni, li jippermetti lill-UE timmira atti serji ta' korruzzjoni madwar id-dinja; jinsisti li l-korruzzjoni għandha impatt verifikabbli fuq l-istat tad-drittijiet tal-bniedem u ddgħajjef il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-istat u l-istat tad-dritt; jappella, f'dan il-kuntest, għall-adozzjoni ta' malajr tar-reġim propost ta' sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni mill-Kunsill;

L-adattament progressiv tal-istrutturi, l-istrumenti, il-kapaċitajiet, il-fondi u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE

25. Jirrikonoxxi li r-rekwiżit għall-unanimità iġiegħel lill-Istati Membri jaħdmu bla heda biex jiksbu kompromess u unità, li huwa s-sors tal-ingranaġġ politiku tal-UE fix-xena dinjija; jirrimarka, madankollu, li l-kompromess bejn l-ideal tal-unità u l-ispejjeż għoljin tal-unanimità f'termini ta' kredibbiltà għandu jiġi vvalutat b'mod kritiku, b'mod partikolari meta wieħed iżomm f'moħħu l-funzjonament effettiv ta' UE estiża; jesprimi dispjaċir, f'dan il-kuntest, għall-fatt li l-Istati Membri individwali użaw id-dritt tal-veto tagħhom biex idgħajfu l-ftehimiet, idewmu t-teħid tad-deċiżjonijiet jew ifixklu kompletament politika komuni;
26. Ifakkar lill-Istati Membri jaderixxu mal-prinċipji tat-Trattati, b'mod partikolari l-

Artikoli 24 u 42(7) TUE u l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jappellaw lill-Istati Membri biex isostnu l-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea attivament u mingħajr riżervi fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka; jissottolinja li l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u l-modalitajiet għall-appoġġ qatt ma ġew definiti b'mod ċar; iqis li huwa meħtieġ li jiġu żviluppatti b'mod urġenti strateġija ta' politika ta' solidarjetà u miżuri ta' implimentazzjoni operattivi fir-rigward tal-klawżola ta' difiża reċiproka stabbilita fl-Artikolu 42(7) tat-TUE;

27. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-potenzjal ta' azzjoni barranija, ta' sigurtà u ta' difiża malajr, effiċjenti u effettiva, kif previst, fost l-oħrajn, mill-klawżoli "passerelle" tat-TUE, intuża biss b'mod limitat ħafna; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex gradwalment jaqleb għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet fl-oqsma tal-PESK li ma għandhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża; jirrikonoxxi t-tħassib ta' xi Stati Membri, li jibzġu minn kapaċità mnaqqsa li jinfluwenzaw il-politika estera u ta' sigurtà fil-livell tal-UE; jirrikonoxxi li l-progress lejn l-applikazzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata jista' jkun gradwali biss, filwaqt li jibni fuq il-formazzjoni ta' kultura strateġika Ewropea; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest:
- (a) l-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'oqsma ta' prijorità identifikati, bħar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, u dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, f'konformità mal-Artikolu 22(1) tat-TUE;
 - (b) l-applikazzjoni tal-klawżoli "passerelle" previsti fit-Trattati, ħliet għall-ħolqien ta' missjonijiet jew operazzjonijiet militari b'mandat eżekuttiv skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), li għalihom xorta se tkun meħtieġa unanimi;
 - (c) l-użu ta' astensjoni kostruttiv f'konformità mal-Artikolu 31(1) tat-TUE, sakemm tiġi applikata bis-sħiħ il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet mingħajr implikazzjonijiet militari jew ta' difiża;
 - (d) l-użu aktar effettiv tal-mekkaniżmu integrat ta' rispons għall-kriżijiet politiċi u l-ħolqien ta' Kunsill tas-Sigurtà, magħmul mill-ministri tal-Istati Membri, sabiex jirrispondi malajr f'emerġenzi u jiżviluppa approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet;
 - (e) ir-reviżjoni tat-Trattati kif previst fl-Artikolu 48 tat-TUE, bl-oġġettiv li, fost l-oħrajn, tiġi stabbilita votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal kwistjonijiet relatati mal-PESK;
 - (f) ir-reviżjoni regolari tal-analiżi tat-theddid li tinfed il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonverġu fuq perċezzjoni komuni tat-theddid, u jiddefinuha;
28. Itenni li l-Parlament għandu rwol integrali fil-PESK, billi jagħti kontribut speċifiku għaliha bis-saħħa tad-diplomazija parlamentari tiegħu u l-istrumenti, il-mezzi u l-kuntatti distinti tiegħu, inklużi l-programmi ta' appoġġ għad-demokrazija tiegħu, li

għandhom potenzjal kbir li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati politiċi ewlenin u jaġevolaw il-governanza demokratika; jišhaq, b' mod partikolari, il-valur miżjud tad-diplomazija parlamentari matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u jenfasizza, f' dan il-kuntest, il-kooperazzjoni siewja fil-livell politiku u tekniku bejn il-Verkhovna Rada tal-Ukrajna u l-Parlament Ewropew;

29. Jenfasizza l-importanza tad-diplomazija parlamentari, li għandha titwettaq permezz tal-mezzi eżistenti, bħall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament Ewropew, id-delegazzjonijiet uffiċjali u l-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija, bħal djalogi parlamentari regolari ma' pajjiżi sħab; jinsisti li l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE għandha torjenta ruħha lejn l-oġettivi ta' prevenzjoni tal-kriżijiet, kooperazzjoni fis-sigurtà kooperattiva reġjonali, azzjoni globali fil-qasam tal-ambjent u l-klima, it-tiżiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030; jappella għal aktar żvilupp tad-diplomazija preventiva tal-UE, inklużi l-medjazzjoni u d-djalogu għall-paċi, bħala għodda proattiva tal-politika barranija; iħeġġeġ lis-SEAE jwettaq eżerċizzji ta' "tagħlimiet meħuda" u janalizza l-isforzi diplomatiċi Ewropej preċedenti u r-riżultati tagħhom, kif ukoll il-ħidma tar-Rappreżentanti Speċjali u tal-Mibgħuta Speċjali; jinsisti li huwa meħtieġ li tissaħħaħ id-diplomazija parlamentari mas-sħab fl-Amerka Latina, fl-Afrika u fl-Asja sabiex jingħata kontribut għall-oġettiv tal-UE li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' sħab tal-istess fehma ħalli jiġu indirizzati l-isfidi ġeopolitiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali komuni;
30. Jappella għal kjarifika ulterjuri dwar il-funzjonament, il-format tar-rappreżentanza u l-obbligu ta' rendikont tal-approċċ "Tim Ewropa" sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi u tiġi evitata d-duplikazzjoni fil-politika estera u ta' sigurtà tal-UE; jinsisti li l-Parlament huwa parti minn "Tim Ewropa" u għandu jiġi ttrattat bħala tali;
31. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi aġġornata d-Dikjarazzjoni tal-2010 dwar r-Responsabbiltà Politika bħala l-qafas għar-relazzjonijiet bejn is-SEAE u l-Parlament; jemmen li l-Parlament jeħtieġ il-mezzi biex jinfluwenza l-istrumenti tiegħu biex jiġġieled kontra r-rigress globali fid-demokrazija, inkluż permezz tal-osservazzjoni u l-medjazzjoni elettorali, il-prevenzjoni tal-kunflitti, komunikazzjoni msaħħa fil-livell lokali dwar id-demokrazija u d-diplomazija parlamentari; jenfasizza r-rwol komplementari tal-Parlament fid-diplomazija tal-UE;
32. Jenfasizza r-rwol tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli bħala dak li jibni rabtiet bejn il-PESK u r-relazzjonijiet esterni tal-UE biex jiġi żgurat l-oġhla livell ta' koordinazzjoni u koerenza fl-azzjoni esterna tal-UE; jesprimi, madankollu, dispjaċir għall-fatt li f' xi każijiet, hemm nuqqas ta' ċarezza fir-rappreżentanza esterna tal-UE; jišhaq fuq il-ħtieġa li jiġu ddefiniti b' mod ċar il-kompetenzi tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli, tal-President tal-Kummissjoni u tal-President tal-Kunsill Ewropew fir-rigward tal-azzjoni u r-rappreżentanza esterna tal-UE;
33. Jemmen li hemm bżonn ta' sorveljanza parlamentari istituzzjonalizzata aktar b'saħħitha tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż aċċess regolari u f' waqtu, iżda sikur, għal informazzjoni kunfidenzjali, briefings fil-Parlament Ewropew u mezzi ta' komunikazzjoni aktar malajr mas-SEAE; ifakkar, f' dan il-kuntest, id-dritt tal-Parlament li jiġi infurmat dwar kwistjonijiet tal-PESK skont l-Artikolu 36 tat-TUE; jilqa' l-istabbiliment tad-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli u jħeġġeġ diskussjonijiet aktar

miftuħa, inkluż billi jitkomplew konsultazzjonijiet regolari mal-membri tal-Kummissjoni u mas-SEAE u billi l-Parlament jiġi involut fl-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, il-Boxxla Strateġika u l-inizjattiva Global Gateway;

34. Jafferma li l-Parlament għandu jagħmel użu sħiħ mis-setgħat baġitarji u ta' sorveljanza tiegħu fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni fl-affarijiet internazzjonali; jappella għal bidla fl-istruttura tal-baġit tal-PESK, b'linja baġitarja waħda għal kull missjoni ċivili tal-PSDK, sabiex ikun hemm skrutinju aħjar u aktar trasparenza;
35. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-baġit tal-PESK għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK żdied biss marġinalment mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020 għall-QFP għall-2021-2027, minkejja li l-għadd ta' missjonijiet u l-kompiti li jwettqu żdiedu, l-ambjent tas-sigurtà sar aktar diffiċli u l-ispiża tal-operazzjonijiet żdiedet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddedikaw biżżejjed finanzjament lill-PESK fid-dawl tal-ħtieġa li jiddefendu l-paċi, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u li jiżguraw koordinazzjoni aħjar ma' oqsma ta' politika oħra; jappella, f'dan il-kuntest, għal aġġustament xieraq għall-QFP u għal aktar finanzjament għall-azzjoni esterna tal-UE;
36. Itenni li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jintegraw aktar l-appoġġ għad-demokrazija fl-ipprogrammar tal-istrumenti finanzjarji tal-UE u jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li d-delegazzjonijiet rilevanti tal-UE jiġu mgħammra b'mezzi xierqa biex iżidu l-attivitajiet ta' diplomazija pubblika u jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tagħhom biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-propaganda; jitlob li s-SEAE – kemm il-kwartieri ġenerali tiegħu kif ukoll id-Delegazzjonijiet tal-UE – jissaħħu permezz tal-forniment tar-riżorsi finanzjarji u umani xierqa sabiex l-UE tkun tista' titħejja aħjar għall-isfidi globali attwali u emerġenti, bħaż-żieda fl-instabbiltà, l-awtoritarjaniżmu aktar assertiv u l-emerġenza klimatika; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jsegwu politika estera u ta' sigurtà li tkun konformi mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III¹⁸;
37. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-proġett pilota bit-titolu "Lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea"; jappella għall-istabbiliment ta' struttura permanenti appoġġjata mir-riżorsi meħtieġa; jappella għal esplorazzjoni tal-modi kif jista' jiġi aċċessat is-SEAE għal dawk li jiġgradwaw minn din l-Akkademja, u deċiżjoni dwarhom, li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sħiħ ta' diplomazija awtonoma tal-UE ffurmata minn kultura diplomatika komuni minn perspettiva tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex toħloq programm ta' taħriġ residenzjali permanenti dwar l-azzjoni esterna tal-UE u l-PESK għal diplomatiċi subalterni mill-pajjiżi kandidati tal-UE;

It-tisħiħ u d-difiża ta' multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli

38. Jenfasizza li l-fora multilaterali, b'mod partikolari n-NU u l-aġenziji tagħha, għandhom jitqiesu bħala l-format ta' kooperazzjoni magħżul tal-UE; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar ir-rilevanza dejjem akbar tal-formati esklużivi ta' kooperazzjoni, li huma xhieda taż-żieda fil-kompetizzjoni bejn setgħat kbar; josserva, fl-istess ħin, li l-istituzzjonijiet u n-normi internazzjonali qed jiġu strumentalizzati dejjem aktar u jindika, f'dan il-kuntest, it-tilwim fid-WTO u fid-WHO; jisħaq li din ix-xejra tpoġġi lill-UE f'pożizzjoni delikata, filwaqt li tibbilanċja l-ħtieġa li tappella għal kunċett wiesa' u

¹⁸ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 150.

inklużiv ta' multilateraliżmu filwaqt li fl-istess ħin tagħti prijorità lill-kooperazzjoni ma' sħab magħżula tal-istess fehma; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu forom inklużivi ta' governanza multilaterali u iħeġġeġ, f' dan il-kuntest, lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Kunsill iżidu l-kooperazzjoni interistituzzjonali ma' organizzazzjonijiet multilaterali li huma integrali għas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u għall-ġestjoni tal-beni komuni globali, inklużi n-NU u l-aġenziji tagħha, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), id-WHO, id-WTO u n-NATO;

39. Jinnota l-ħtieġa li jiġu żgurati l-unità, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-isforzi bejn l-UE u n-NATO fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali; jissottolinja li n-NATO tibqa' l-pedament tas-sigurtà Ewropea u jitlob li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn in-NATO u l-UE filwaqt li jissaħħaħ il-pilastru Ewropew fin-NATO, fost l-oħrajn billi jintlaħaq b' mod konsistenti l-valur referenzjarju tan-NATO għall-infiq fuq id-difiża ta' 2 % tal-prodott domestiku gross; jappella għal kooperazzjoni akbar man-NATO dwar il-għieda kontra d-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu li joriġina minn pajjiżi terzi;
40. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw b' mod attiv riforma istituzzjonali komprensiva tal-istituzzjonijiet multilaterali, l-ewwel u qabel kollha is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u b' mod partikolari l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li għandu jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jillimitaw l-użu tal-veto, jagħtu spinta lir-rappreżentanza reġjonali, jagħmlu lill-korpi eżekuttivi responsabbli għall-assemblei li jelegġuhom, u jiddefinixxu mill-ġdid il-kompożizzjoni tas-sħubija tal-Kunsill tas-Sigurtà biex jirriflettu aħjar ir-realtà ġeopolitika, inkluż billi jistabbilixxu sede permanenti għall-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-iżguraw tal-indispensabbiltà strateġika tal-UE f' dinja dejjem aktar multipolari; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-UE titkellem b' vuċi waħda fin-NU, b' mod partikolari fil-Kunsill tas-Sigurtà; jitlob li jiġi żgurat dialoġu kontinwu mar-Renju Unit sabiex tinżamm il-kooperazzjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà; jistieden lill-istati membri kollha tan-NU jieħdu azzjoni biex jirrevokaw is-setgħat tal-veto tar-Russja fil-Kunsill tas-Sigurtà;
41. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli jippromwovi narrattiva demokratika konvinċenti, dejjiema u mmirata li turi li d-demokrazija twassal ir-riżultati għall-individwi u s-soċjetajiet madwar id-dinja u hija kapaċi tiflaħ għall-pressjoni u l-influenza awtokratika; jiddeplora l-fatt li r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Russja, l-Iran u reġimi totalitarji jew awtoritarji oħra jużaw il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza mal-innha bħala strumenti integrali biex jeżerċitaw pressjoni fuq istituzzjonijiet multilaterali u valuri u normi demokratiċi, inaqqsu l-kontrolli fuq l-abbuż tal-poter, iżidu l-inċidenza u s-severità tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, jillimitaw l-ispazji għas-soċjetà ċivili, għall-media indipendenti u għall-movimenti demokratiċi tal-oppożizzjoni u jxerrdu d-diżinformazzjoni kontra l-Punent; iħeġġeġ, f' dan il-kuntest, l-investment f' komunikazzjonijiet strateġiċi u l-għieda kontra l-interferenza barranija u t-tixrid tad-diżinformazzjoni, u jilqa' l-involvement tas-SEAE man-NU dwar kodiċi ta' kondotta globali għall-integrità tal-informazzjoni;
42. Jenfasizza l-fenomeni dejjem akbar ta' theddid tranżnazzjonali kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti politiċi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi tagħhom jew minn proxies; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-attivisti barranin li huma residenti fl-UE b' mezzi

finanzjarji u oħrajn xierqa biex ikunu jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom mill-bogħod u mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni; ifaħħar il-ħidma bla heda tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u jitlob lill-UE żżid l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-attakki dejjem jiżdienu fuq diversi minoranzi madwar id-dinja, inklużi l-komunità LGBTIQ u l-minoranzi reliġjużi, bħall-Kristjani; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-intersezzjonalità fl-azzjonijiet kollha tal-UE, inkluż fl-implimentazzjoni tal-PESK, sabiex tiġi promossa ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri;

43. Jirrikonoxxi li diversi atturi fin-Nofsinhar Globali qed isiru aktar assertivi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li t-terminu "in-Nofsinhar Globali" jipproġetta livell ta' unità fuq dak li fir-realtà huwa grupp varjat ħafna ta' atturi kkaratterizzati minn aspirazzjonijiet u allinjamenti diverġenti; jirrikonoxxi l-ingranaġġ internazzjonali ta' dawn l-atturi;
44. Ifakkar li l-UE hija d-donatur ewlieni fid-dinja tal-ġħajnuna uffiċjali għall-iżvilupp; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tibqa' alleat affidabbli fil-kooperazzjoni globali għall-iżvilupp; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-UE qiegħda tiffaċċja żieda fix-xettiċiżmu u d-diżimpenn; jitlob lill-UE tirrispondi għall-aspettattivi tal-pajjiżi sħab u li timplimenta malajr b'rabta ma' ftehimiet politiċi magħhom sabiex turi li l-UE hija sieħeb ewlieni u strateġiku u turi li s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tista' tindirizza l-isfidi kontemporanji; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, preżenza politika aktar b'saħħitha f'pajjiżi fejn l-impronta tal-UE kienet fil-biċċa l-kbira tikkonsisti f'kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tal-preżenza tal-UE fl-Afrika u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonsolidaw id-djalogu politiku fil-livelli nazzjonali u reġjonali, kif ukoll jipprovdu firxa diversifikata ta' appoġġ tekniku, inkluż finanzjament fil-livelli tal-gvern u tal-komunità lokali, biex jinkisbu effiċjenza u viżibbiltà akbar; jisħaq fuq l-importanza li jiġu stabbiliti ftehimiet politiċi ma' pajjiżi terzi, ibbażati fuq valuri Ewropej komuni u fuq id-drittijiet fundamentali;
45. Ifakkar li l-UE għandha tkun attur globali aktar assertiv għall-paċi u s-sigurtà tal-bniedem; jinnota li l-kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp u politika kummerċjali ambizzjuża huma kruċjali wkoll fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u sfidi oħra li qed tiffaċċja l-Unjoni;
46. Jstieden lill-Kummissjoni tuża b'mod effettiv u malajr l-Global Gateway bħala alternattiva sostenibbli għall-Inizjattiva One Belt, one Road taċ-Ċina u bħala strument biex iżżid il-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE madwar id-dinja permezz ta' investiment fl-infrastruttura u fit-telekomunikazzjoni li jgħid valur nazzjonali fil-pajjiżi sħab u jippermetti l-iżvilupp soċjoekonomiku tagħhom, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġu segwiti l-interessi ta' prosperità u sigurtà tal-UE; ifakkar li l-Global Gateway għandu jinftiehem bħala kunċett strateġiku li jintegra l-politika barranija, ekonomika u tal-iżvilupp; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-involvement definit sew tas-settur privat u l-komunikazzjonijiet strateġiċi mfasla apposta huma essenzjali sabiex l-istrument jilħaq l-iskala mixtieqa; jilqa', f'dan il-kuntest, l-ewwel Forum tal-Global Gateway ta' livell għoli mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen f'Ottubru 2023; jinsisti li l-Parlament għandu jkun involut aktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex tiġi ggarantita governanza trasparenti u jiġi żgurati li l-

Global Gateway tkun ikkoordinata kif xieraq mas-Sħubija tal-G7 għall-Investment fl-Infrastruttura Globali;

47. Jinnota li l-investment u l-għajjnuna tal-UE għandhom jiffukaw fuq objettivi komuni fl-aktar livell xieraq ta' azzjoni, b'viżibbiltà ċara fil-pajjiżi riċevanti, u fuq investimenti mfassla apposta li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-sħab tagħna, kif definiti permezz ta' involviment aktar proattiv u kostruttiv magħhom;
48. Jappella għal soluzzjonijiet multilaterali għal sfidi u realtajiet ġodda, bħaċ-ċibersigurtà, il-bijoteknoloġija u l-intelliġenza artifiċjali; jinsisti fuq iċ-ċentralità tal-multilateraliżmu għaż-żamma effettiva tal-ordni fl-ispazju ekstratmosferiku u fuq il-ħtieġa li jiġu approfonditi l-inizjattivi attwali, u jitnedew oħrajn ġodda, biex jiġu ppreżervati l-użi paċifiċi tal-ispazju ekstratmosferiku;

L-affermazzjoni tal-interessi permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi robusti u sħubijiet tal-istess fehma

49. Jenfasizza l-ħtieġa li tinbena solidarjetà strateġika bejn sħab tal-istess fehma bħala l-aħjar rispons għal ambjent ta' sigurtà aktar perikoluż u imprevedibbli; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sħubijiet eżistenti ma' pajjiżi li jaqsmu l-valuri tagħna, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħad-dipendenzi strateġiċi, il-koerċizzjoni ekonomika, l-interferenza politika u d-diżinformazzjoni, u jenfasizza s-sinifikat tal-bini ta' alleanzi ġodda, fost l-oħrajn fin-Nofsinhar Globali, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-interessi reċiproċi sabiex jitrawmu sħubijiet reali u bbilanċjati;
50. Jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni trans-Atlantika b'saħħitha u strateġika, inkluż dik bejn in-NATO u l-UE, ibbażata fuq valuri, interessi u objettivi kondiviżi u fuq il-prinċipju ta' sħubija bejn partijiet ugwali; jistieden lill-Kummissjoni trawwem rabtiet eqreb ma' sħab ewlenin kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fil-Kanada sabiex tilqa' għall-isfidi globali li jaffettwaw il-valuri komuni, l-interessi, is-sigurtà u l-prosperità tagħna; iħegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli jaħdmu mill-qrib maż-żewġ sħab billi jintensifikaw u jikkonsolidaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni diġà stabbiliti, inkluż il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti; jisħaq, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li jsir progress fil-fajls ewlenin tal-politika barranija, inkluż fir-relazzjonijiet rispettivi tagħna maċ-Ċina, dwar il-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ewropa, dwar l-Afrika, l-Amerka Latina u l-Karibew u dwar ir-reġjun Indo-Paċifiku; jindika, fir-rigward ta' dan tal-aħħar, id-djalogu ddedikat bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar is-sigurtà u d-difiża u r-reġjun Indo-Paċifiku bil-ħsieb li tiġi żviluppata kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar ambizzjuża, u jenfasizza l-ewwel eżerċizzju navali konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-Oċean Indjan tal-Majjistral f'Marzu 2023; jappella għal kooperazzjoni trans-Atlantika aktar b'saħħitha dwar il-kummerċ u dwar il-ġlieda kontra l-isfidi kkawżati minn bidliet teknoloġiċi malajr u minn theddid ċibernetiku li qed jikber;
51. Ifakkar li l-Istati Uniti huma l-aktar alleat importanti tal-UE; itenni l-appell tiegħu li s-summits bejn l-UE u l-Istati Uniti jsiru fuq bażi regolari sabiex jagħtu spinta sostnuta lin-natura indispensabbli tal-kooperazzjoni trans-Atlantika; itenni l-appoġġ tiegħu għall-istabbiliment ta' kunsill politiku trans-Atlantiku li jservi bħala forum għal djalogu istituzzjonali regolari u effettiv bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar il-politika estera u ta'

- sigurtà; jistieden lill-Kamra tar-Rappreżentanti tistabilixxi delegazzjoni tal-Kungress permanenti għad-djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi (TLD), f'konformità mad-dikjarazzjoni konġunta tal-1999 dwar l-istabiliment tat-TLD bejn il-Kungress tal-Istati Uniti u l-Parlament Ewropew, peress li dan isaħħaħ il-kapaċità tagħna għal djalogu u kooperazzjoni ta' politika;
52. Jitlob lill-UE u lill-Istati Uniti jagħmlu progress deċiżiv fin-negozjati dwar it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali għall-minerali kritiċi bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli ħalli jiġi indirizzat l-impatt diskriminatorju tal-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni;
53. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qafas Windsor u jfakkar fl-importanza tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit għal sħubija b'saħħitha u kostruttiva mar-Renju Unit; jenfasizza s-sinifikat kruċjali u b'diversi livelli tal-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq u tal-Qafas Windsor għal relazzjonijiet li ilhom stabbiliti mar-Renju Unit;
54. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fil-politika barranija u d-difiża; jappella, f'dan il-kuntest, għal involviment akbar tar-Renju Unit fi proġetti Ewropej ta' sigurtà u difiża u għal involviment aktar strutturat u regolari mar-Renju Unit dwar l-affarijiet barranin, li jibni fuq l-esperjenza kostruttiva tal-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit fil-ġlieda kontra l-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inklużi l-adozzjoni u l-monitoraġġ tas-sanzjonijiet; jilqa' l-missjonijiet konġunti f'pajjiżi terzi minn rappreżentanti tal-UE u tar-Renju Unit bil-ħsieb li tiġi pprevenuta ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet; jenfasizza l-interessi kondiviżi u r-responsabbiltajiet kollettivi u jappella għal forom aktar permanenti ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà f'diversi reġjuni; jilqa' l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Komunità Politika Ewropea;
55. Jilqa' kemm it-tnedija tal-grupp konsultattiv Belarussja-UE biex jippermetti d-djalogu kontinwu bejn l-UE u l-forzi demokratiċi Belarussi, u l-appoġġ kontinwu pprovdut lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Russi u lill-media indipendenti barra u ġewwa r-Russja; itenni l-appoġġ tiegħu għall-oppożizzjoni demokratika Belarussa, għall-priġunieri politiċi kollha u għall-attivisti u l-ġurnalisti kuraġġużi fil-Belarussja li għadhom jirreżistu r-reġim tal-mexxej illeġittimu u l-kompliċità tar-reġim fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna minkejja r-repressjonijiet li għaddejjin, u li esprimew ix-xewqa tagħhom li jiksbu l-iżvilupp demokratiku tal-Belarussja u s-sħubija tagħha fl-UE, fost l-oħrajn fil-Konferenza tal-Belarussja l-Ġdida li saret f'Varsavja f'Awwissu 2023; jissottolinja li tali sforzi juru r-rwol fundamentali tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ tad-demokrazija;
56. Jikkundanna r-rwol attiv tar-reġim ta' Lukashenka fl-appoġġ tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu riflessi s-sanzjonijiet bejn il-Belarussja u r-Russja, bir-reġim ta' Lukashenka jkun kompletament kompliċi fid-delitti tal-gwerra mwettqa, bħall-ħtif ta' eluf ta' tfal Ukreni;
57. Jilqa' l-pakkett tat-tkabbir tal-2023 u l-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent ippreżentat mill-Kummissjoni u jistieden lill-Kunsill juri impenn politiku ġenwin għall-

perspettiva ta' sħubija fl-UE tal-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent; jinnota li dan għandu jinkludi progress fin-negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija, il-Montenegro u l-Maċedonja ta' Fuq; jappoġġja l-isforzi biex, bħala kwistjoni ta' prijorità, jintlaħqu l-bidliet kostituzzjonali rilevanti fil-Maċedonja ta' Fuq u jistieden lill-forzi politiċi kollha jkollhom rwol kostruttiv f'dan ir-rigward; jitlob, b'mod partikolari, lill-gvernijiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu dan ir-rekwiżit addizzjonali għall-Maċedonja ta' Fuq biex jagħmlu l-aħjar li jistgħu ħalli jappoġġjaw dawn l-isforzi; jesprimi dispjaċir għad-dewmien mhux ġustifikat fil-proċessi ta' adeżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq u tal-Albanija u jfakkar li l-pajjiżi kandidati għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-mertu tagħhom stess fil-konformità mal-kriterji oġġettivi għall-adeżjoni, inklużi l-implimentazzjoni tagħhom ta' riformi relatati mal-UE u l-allinjament tal-politika tagħhom mal-PESK, bħall-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jilqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent huma allinjati mal-PESK, filwaqt li jistieden lil Belgrad jagħmel l-istess b'mod urġenti, b'mod partikolari meta jitqies li s-Serbja hija waħda mill-ftit pajjiżi Ewropej li għadhom mhumiex konformi mas-sanzjonijiet adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; ifakkar li l-adeżjoni tista' tipproċedi biss ladarba l-pajjiż inkwistjoni jikkonforma mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u jagħmel progress sinifikanti fir-riformi relatati mal-UE; jibqa' mħasseb ħafna dwar l-influenza destabbilizzanti fuq ir-reġjun kollu tal-awtoritajiet Serbi;

58. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li tensjonijiet politiċi u polarizzazzjoni kbar fil-Montenegro dewmu l-progress fir-riformi relatati mal-UE u wasslu lill-pajjiż fi kriżi politika u istituzzjonali profonda, u dan waqaf il-proċess ta' adeżjoni tal-Montenegro mal-UE; jilqa' l-formazzjoni ta' gvern ġdid u jisħaq fuq l-importanza li dan ikun jista' u impenjat li jmessi 'l quddiem ir-riformi relatati mal-UE u jżomm lill-Montenegro fit-triq strateġika tal-UE b'mod sod;
59. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ negozjati ta' adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji ta' sħubija; iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi tal-pajjiż jimplementaw is-sett sostanzjali ta' riformi, inklużi r-riformi elettorali, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-qrati domestiċi u internazzjonali sabiex jiġu żgurati l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għaċ-ċittadini u għall-popli kostitwenti kollha, kif minqux fil-kostituzzjoni tagħha u b'rispett sħiħ tas-sentenzi tal-qrati domestiċi u internazzjonali, inklużi s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward il-Bożnija-Ħerzegovina; itenni l-appell tiegħu għal sanzjonijiet immirati kontra atturi destabbilizzanti fil-Bożnija-Ħerzegovina, b'mod partikolari Milorad Dodik; jilqa' l-ftehim li ntlaħaq biex jiġi estiż il-mandat tal-Forza tal-UE fl-Operazzjoni Althea tal-Bożnija-Ħerzegovina sat-2 ta' Novembru 2024 u jfakkar li din il-missjoni għad għandha rwol ċentrali fis-sigurtà u l-istabbiltà tal-Bożnija-Ħerzegovina;
60. Jilqa' l-fatt li l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata kontra l-Ukrajna wasslet lill-UE biex terġa' tagħti prijorità lill-politika tat-tkabbir tagħha; jafferma mill-ġdid li l-pass tal-proċess tat-tkabbir jiddependi kemm mill-kapaċità tal-pajjiżi individwali li jissodisfaw il-kriterji għall-adeżjoni kif ukoll fuq l-impenn tal-mexxejja politiċi fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-Istati Membri tal-UE; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-etnonazzjonalizmu fil-Balkani tal-Punent; jistieden lis-SEAE jimmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib sabiex jipprevjeni t-tensjonijiet; jissottolinja l-importanza tal-

attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija aġevolati mill-Parlament, bħad-Djalogu Jean Monnet u l-Proċess ta' Djalogu Parlamentari;

61. Jilqa' s-sinjali reċenti rigward l-iskeda ta' żmien mħaffa għall-pajjiżi kandidati; jitlob li jiġi żgurat li n-negozjati dwar l-adeżjoni li għaddejjin bħalissa u dawk futuri ma jiddewmux minħabba interessi nazzjonali partikolari jew minħabba l-ħtieġa ta' riforma tat-Trattati; itenni l-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda u l-appfondiment tal-UE b'mod parallel; jissottolinja l-importanza tal-istrumenti finanzjarji, bħall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III, sabiex tissaħħa is-sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi kandidati; jappella għall-iżvilupp ta' strateġija koerenti għall-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati kollha, inkluż fil-politiki settorjali u bħala osservaturi fid-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni; għadu mħasseb ħafna bir-rapporti skont liema il-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir qiegħed deliberatament jipprova jevita u jdgħajjef iċ-ċentralità tar-riformi demokratiċi u tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti bidu għal investigazzjoni indipendenti u imparzjali biex taċċerta jekk il-kondotta murija u l-politiki li ppersegwa l-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir jikkostitwux ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni u tal-obbligi tal-Kummissarju skont it-Trattati;
62. Jinnota l-importanza strateġika tal-Balkani tal-Punent fil-kuntest ġeopolitiku tal-lum, kif ukoll għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-UE kollha kemm hi; itenni l-ħtieġa ta' preżenza u viżibbiltà Ewropej akbar fir-reġjun sabiex jiġu ddevjati l-influenzi malinni barranin u l-attivitajiet ibridi tagħhom;
63. Jikkundanna l-attakk terroristiku li sar fl-24 ta' Settembru 2023 kontra l-uffiċjali tal-Pulizija tal-Kosovo f'Banjska fit-Tramuntana tar-Repubblika tal-Kosovo, u provokazzjonijiet oħra; jenfasizza mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu kif adottata fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2023¹⁹; iħeġġeġ lin-naħat kollha, f'dan il-kuntest, biex inaqqsu t-tensjoni tas-sitwazzjoni u jevitaw kwalunkwe retorika jew azzjoni li tista' twassal għal aktar tensjonijiet; qed isegwi mill-qrib l-investigazzjonijiet li għaddejjin u jtenni li l-awturi responsabbli jeħtiġilhom jinżammu responsabbli u jiffaċċjaw il-ġustizzja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu miżuri kontra l-Gvern Serb jekk l-investigazzjonijiet jiżvelaw li l-Istat Serb kien involut direttament fl-attakk msemmi fuq jew fl-attakki vjolenti li sehew fit-Tramuntana tal-Kosovo f'Mejju 2023, jew jekk l-awtoritajiet Serbi mhumiex lesti li jikkooperaw bis-sħiħ;
64. Jappoġġja n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja u l-iżvilupp tad-djalogu aġevolat mill-UE bejn Belgrad u Pristina; jistieden lill-Kosovo u lis-Serbja jimpenjaw ruħhom f'dan id-Djalogu b'rieda tajba u fl-ispirtu ta' kompromess biex jintlaħaq ftehim komprensiv u legalment vinkolanti dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom, abbażi tar-rikonoxximent reċiproku, f'konformità mad-dritt internazzjonali u mingħajr aktar dewmien; ifakkar li n-nuqqas ta' progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ikollu impatt negattiv fuq l-integrazzjoni taż-żewġ pajjiżi fl-UE; jesprimi dispjaċir għall-miżuri restrittivi imposti mill-Kunsill kontra l-Kosovo u jappella għat-tneħħija immedjata tagħhom; jitlob lill-UE tadotta approċċ

¹⁹ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-19 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżviluppi reċenti fid-djalogu bejn is-Serbja u l-Kosovo, inkluża s-sitwazzjoni fil-muniċipalitajiet tat-Tramuntana fil-Kosovo (Testi adottati, P9_TA(2023)0372).

ibbilanċjat għall-medjazzjoni bejn il-partijiet sabiex jingħeleb l-istaġnar attwali; ifakkar li l-falliment tad-Djalogu se jirriżulta wkoll f'konsegwenzi għar-rwol tal-UE bħala attur kredibbli fil-politika barranija;

65. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill biex jiftaħ negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kunsill jadotta l-qafas tan-negozjati ladarba l-Ukrajna u l-Moldova jkunu għamlu progress fil-liġijiet pendenti dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-verifika tal-assi u jkunu ħadu passi ulterjuri dwar id-deoligarizzazzjoni; jieħu nota pożittiva tar-rakkomandazzjoni li jinfetħu wkoll negozjati ta' adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji ta' sħubija; jilqa' l-applikazzjoni tal-Kosovo għas-sħubija fl-UE u jitlob lill-Kummissjoni tagħti t-tweġiba tagħha għaliha; ifakkar li l-offerta tal-Kosovo biex jitqies bħala pajjiż kandidat se tiġi evalwata abbażi tal-merti tiegħu stess u tas-suċċess tiegħu li jilħaq il-kriterji ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE; jilqa', madankollu, it-tneħħija tar-rekwiżiti tal-viża għaċ-ċittadini tal-Kosovo, li se jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard minn Jannar 2024;
66. Jieħu nota pożittiva tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill biex jagħti lill-Georgia l-istatus ta' pajjiż kandidat bil-fehim li jittieħdu passi ulterjuri dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, l-allinjament mal-PESK, it-titjib tal-implimentazzjoni tas-sorveljanza parlamentari u l-indirizzar tal-polarizzazzjoni politika, id-deoligarizzazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jissottolinja l-aspirazzjonijiet Ewropej leġittimi tal-poplu tal-Georgia u jisħaq kif xieraq fuq l-importanza tal-appoġġ tal-UE għall-pajjiż, b'enfasi fuq l-atturi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur l-integrazzjoni tal-Georgia fl-UE; jindika r-rwol potenzjali ta' stabbilizzazzjoni li jista' jkollha l-Georgia fil-Kawkasu tan-Nofsinhar;
67. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jieħdu passi deċiżivi biex jiżguraw li r-Russja tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008 medjat mill-UE, b'mod partikolari biex tirtira l-forzi militari u tas-sigurtà kollha tagħha mit-territorji okkupati tal-Georgia, li tippermetti l-iskjerament ta' mekkaniżmi ta' sigurtà internazzjonali fuq il-post u li tagħti lill-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea aċċess mingħajr xkiel għar-reġjuni tal-Georgia okkupati mir-Russja ta' Abkhazia u Tskhinvali/tal-Ossetia tan-Nofsinhar; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea u jestendu aktar il-mandat tagħha; jitlob ukoll lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jużaw it-terminu "okkupazzjoni" fir-rigward tar-reġjuni tal-Georgia ta' Abkhazia u Tskhinvali/tal-Ossetia tan-Nofsinhar li huma okkupati illegalment mir-Russja u taħt kontroll effettiv tagħha, kif stabbilit mis-sentenzi rispettivi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-investigazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
68. Jemmen li l-adeżjoni tal-Ukrajna u tar-Repubblika tal-Moldova mal-UE tkun investiment ġeostrateġiku f'Europa magħquda u b'saħħitha; jilqa' l-pakkett ta' appoġġ u t-tnedija tal-Missjoni ta' Sħubija Ċivili tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova; ifaħħar il-progress diġà milħuq fir-riformi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ambizzjuż biex jibdew in-negozjati tal-adeżjoni malajr kemm jista' jkun, kif ukoll l-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna u l-Moldova fil-politiki u l-programmi tal-UE; jissottolinja l-kumplessità u n-natura bbażata fuq il-mertu tal-proċess ta' tkabbir, li jirrikjedu li

jittieħdu passi b' mod kostanti u f' waqtu; jinsisti wkoll li jrid isir sforz kontinwu biex jiġu aġġustati l-ġħodod ta' adeżjoni eżistenti u tinbena l-bażi legali għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III;

69. Itenni l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-politika multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant biex jerġa' jiġi stabbilit l-involvement reġjonali u l-aġenda ta' riforma demokratika reġjonali, inkluż permezz tal-Assemblea Parlamentari Euronest;
70. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, l-attakk ippjanat minn qabel u mhux ġustifikat mill-Ażerbajġan kontra l-Armeni ta' Nagorno-Karabakh u n-nies li baqgħu fir-reġjun; jistieden lill-awtoritajiet Azerbajġani jippermettu r-ritorn sikur tal-popolazzjoni Armena f' Nagorno-Karabakh u joffru garanziji sodi rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom; jitlob il-protezzjoni tal-wirt kulturali, storiku u reliġjuż tal-Armenja f' Nagorno-Karabakh f' konformità mal-istandards tal-UNESCO u l-impenji internazzjonali tal-Ażerbajġan; jiddeplora l-fatt li l-offensiva ta' Baku rrappreżentat ksur gravi tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem u ksur ċar tad-dikjarazzjoni ta' waqfien mill-għied trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020 u tal-impenji li l-Ażerbajġan għamel fin-negożjati medjati mill-UE; jemmen li djalogu ġenwin bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja huwa l-unika triq sostenibbli 'l quddiem u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw dawn l-isforzi; jappoġġja t-taħditiet ta' paċi li għaddejjin bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, li ġew imfixkla serjament mill-operazzjoni militari reċenti kontra Nagorno-Karabakh u t-tindif etniku *de facto*; jenfasizza li paċi reġjonali dinjituża u deġġiema li żżomm is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali għaż-żewġ pajjiżi hija prerekwiżit għall-istabbiltà fil-viċinat;
71. Jistieden lill-missjoni ċivili tal-UE fl-Armenja (EUMA) timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi fil-prattika, tipprovdi rapportar trasparenti lill-Parlament u tikkontribwixxi b' mod attiv għall-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-mandat tal-EUMA, iżidu d-daqs tagħha, jestendu d-durata tagħha u jpoġġu wkoll osservaturi tul il-fruntiera mat-Turkija; jistieden lill-Ażerbajġan jippermetti l-preżenza tal-EUMA fuq in-naħa tiegħu tal-fruntiera u f' Nagorno-Karabakh;
72. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli u lis-SEAE jappoġġjaw aktar lill-Armenja permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, b' mod partikolari bil-ħsieb li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha kontra theddid ibridu sabiex tkabbar l-ispazju ta' sigurtà tagħha lil hinn mill-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva; jilqa' l-istabbiliment tad-Djalogu Politiku u ta' Sigurtà bejn l-UE u l-Armenja u l-ewwel laqgħa tiegħu fis-26 ta' Jannar 2023;
73. Jisħaq li t-twissijiet multipli tal-Parlament dwar is-sitwazzjoni ma wasslu għall-ebda bidla fil-politika tal-UE dwar l-Ażerbajġan; jinsisti li kwalunkwe approfondiment tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Ażerbajġan irid jibqa' soġġett għall-kundizzjoni li l-pajjiż li jagħmel progress sostanzjali fir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi etniċi; jistieden ukoll lill-UE timponi minnufih sanzjonijiet fuq l-Ażerbajġan u tissospendi l-Memorandum ta' Ftehim dwar Sħubija Strateġika fil-Qasam tal-Enerġija;
74. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-gvern elett b' mod demokratiku tal-Armenja u r-rispett sħiħ

- tiegħu għas-sovranità, id-demokrazija u l-integrità territorjali tal-pajjiż; ifaħħar id-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru Nikol Pashinyan li l-Armenja mhux se tiddaħħal fi gwerra ġdida mal-Ażerbajġan u l-appelli reċenti tiegħu biex jerġgħu jinbdew it-taħditiet dwar il-paċi fl-ogħla livell mal-Ażerbajġan; jikkundanna l-interferenza tar-Russja fl-Armenja, li għandha l-għan li xxerred l-inkwiet; jitlob lill-UE ssaħħaħ l-involviment tagħha fil-Kawkasu tan-Nofsinhar; jilqa' d-deċiżjoni tal-Armenja sabiex tirratifika l-istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
75. Jinsab imħasseb bil-fatt li l-Gvern tat-Turkija ma invertiex it-tendenza negattiva tad-deterjorament tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet fundamentali u tal-indipendenza tal-ġudikatura, li l-politika estera tat-Turkija għadha f'kuntrast mal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-PESK u li t-Turkija ma allinjatx mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja;
76. Jisħaq li fin-nuqqas ta' bidla drastika fid-direzzjoni mill-Gvern Tork, il-proċess ta' adeżjoni fl-UE tat-Turkija ma jstax jittkompla; jitlob lill-UE u lill-Gvern Tork jimxu 'l quddiem lejn sħubija aktar mill-qrib, aktar dinamika u strateġika, filwaqt li jitqies ir-rwol ewlieni li għandha t-Turkija fir-reġjun u s-sinifikat tagħha bħala alleat tan-NATO; jirrakkomanda li jinbeda proċess ta' riflessjoni biex jinstab qafas parallel u realistiku għar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija li jinkludi l-interessi tal-partijiet kollha involuti, li jankra t-Turkija mal-UE minflok ma jressaqha lejn ir-Russja jew l-Iran;
77. Jilqa' t-tnaqqis parzjali tat-tensjonijiet fil-Lvant tal-Mediterran u fl-Eġew u jitlob lil Turkija taħdem fuq approċċ kostruttiv, u mhux assertiv jew aggressiv, mas-sħab tagħha f'dawn ir-reġjuni; jistieden lill-Gran Assemblea Nazzjonali tat-Turkija tirratifika malajr l-applikazzjoni tal-Iżvezja biex tissieħeb fin-NATO u jħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali Torok jikkooperaw mill-qrib mal-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tal-UE;
78. Jikkundanna l-bidu tax-xogħol ta' kostruzzjoni illegali min-naħa Torka Ċiprijotta fi ħdan il-linja l-ħadra qrib il-villaġġ bikomunitarju ta' Pyla/Pile f'Ċipru, kif ukoll l-aggressjonijiet fil-konfront tal-forzi taż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ħsara li saret lill-vetturi tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Awwissu 2023; jitlob li jiġi rispettata l-istatus tal-linja l-ħadra u l-mandat tal-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-Żamma tal-Paċi f'Ċipru; ifakkar li t-theddid għas-sikurezza tal-forzi taż-żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ħsara lill-proprietà tan-Nazzjonijiet Uniti jikkostitwixxu reati skont id-dritt internazzjonali; iħeġġeġ lit-Turkija u lill-mexxejja Ċiprijotti Torok iwaqqfu u jirrevokaw dawn l-attivitajiet unilaterali kollha u jevitaw provokazzjonijiet u azzjonijiet ulterjuri li ma jiffavorux l-issuktar tan-negozjati taħt it-tmexxija tan-NU; jilqa' l-fehim li ntlaħaq min-naħat biex tinstab triq 'il quddiem fit-triq ta' Pyla/Pile f'Ċipru u tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni u jappella għal impenn f'negozjati paċifiċi u fi proċess reali ta' djalogu;
79. Jiddeplora l-fatt li, aktar minn 25 sena wara t-tnedija tal-Proċess ta' Barċellona, il-ħolqien ta' spazju komuni ta' prosperità, stabbiltà u libertà mal-pajjiżi Mediterranji tal-Viċinat tan-Nofsinhar għadu ma ntlaħaqx; iħeġġeġ lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jsaħħu d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-viċinat tal-UE, inkluż permezz ta' djalogu akbar u kundizzjonalità msaħħa marbuta mal-iżborż tal-fondi, u jiżguraw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran, jisħaq fuq ir-rwol importanti li

għandhom il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar fil-ġestjoni tal-migrazzjoni b' mod ibbażat fuq il-prinċipji ta' solidarjetà, bilanċ u kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn il-pajjiżi; jišhaq fuq l-importanza ta' ftehimiet prattiċi ma' dawn il-pajjiżi sabiex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tal-migrazzjoni irregolari, tat-traffikar tal-bnedmin u tal-kuntribandu ta' armi illeċiti u ta' oġġetti kulturali; jirrimarka li ħafna pajjiżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar huma rikki fir-riżorsi tal-enerġija u jistgħu jikkontribwixxu aktar għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija fil-pajjiżi Ewropej;

80. Jinnota l-ftehim politiku dwar pakkett ta' sħubija komprensiva mat-Tuneżija; ifakkar li dan il-memorandum ta' ftehim għandu kundizzjonijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura konformità magħhom; jesprimi, madankollu, dispjaċir għall-fatt li l-memorandum ta' ftehim naqas milli jinkludi l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem mistennija mill-UE fil-ftehimiet tagħha ma' pajjiżi terzi; jemmen, barra minn hekk, li r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Tuneżija għandhom ikunu bbażati fuq il-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija u fuq ir-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, b' sorveljanza parlamentari sħiħa rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-iżborż tal-fondi tal-UE lit-Tuneżija; jemmen bis-sħiħ li t-trasferiment tal-fondi tal-UE għandu jkun kundizzjonali fuq il-konformità tat-Tuneżija mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u jinkludi dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità u ta' obbligu ta' rendikont; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mekkaniżmu biex tiżgura l-konformità f' dan ir-rigward, filwaqt li tesplora l-għażliet rilevanti kollha;
81. Huwa ferm imħasseb dwar it-tendenza awtoritarja mit-tmexxija Tuneżina, id-detenzjoni ta' personaġġi tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili u l-persekuzzjoni tar-refuġjati u ta' dawk li jfittxu l-ażil, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Tuneżini jirrispettaw id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet umanitarji u d-drittijiet tal-migranti; jikkundanna wkoll id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Tuneżini li jirrifjutaw id-dħul fid-delegazzjoni mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Tuneżini jippermettu djalogu politiku miftuħ;
82. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm involviment aktar strateġiku mal-pajjiżi tal-Golf, b' mod partikolari dwar il-promozzjoni tas-sigurtà reġjonali, il-kooperazzjoni, l-azzjoni dwar il-klima, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jilqa' t-tkomplija tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn ir-Renju tal-Arabja Sawdija u r-Repubblika Iżlamika tal-Iran; jilqa', barra minn hekk, l-istabbiliment propost ta' djalogu strutturat dwar is-sigurtà bejn l-UE u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf; ifakkar, f' dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ fis-sħubija strateġika bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Golf; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu jenfasizzaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-allinjament gradwali tal-valuri, b' mod partikolari meta jirrispondu għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha;
83. Jissottolinja li l-PESK għandha l-għan li tiżviluppa u tikkonsolida d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u li dawn l-għanijiet mhumiex kondiviżi mir-Renju tal-Arabja Sawdija; jieħu nota tal-fatt li r-Renju tal-Arabja Sawdija jkompli jaħdem mal-UE fil-qafas ta' djalogu regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem; jikkundanna, madankollu, il-ksur persistenti tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiż, b' mod partikolari l-applikazzjoni ta' sentenzi ta' mewt u ta' eżekuzzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ċivili u politiċi, kif ukoll il-libertà tal-

kelma, u jitlob li titneħħa l-piena tal-mewt;

84. Jiddenunzja t-trażżin krudili mill-pulizija u mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), fuq dimostrazzjonijiet wara l-qtil ta' Jina Mahsa Amini u ħafna oħrajn ittorturati u maqtula li opponew ir-reġim; jappella għal miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-IRGC, il-forzi sussidjarji tiegħu u dawk kollha responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra protesti paċifiċi, inklużi l-uffiċjali tal-ogħla grad; jistieden lill-Kunsill jindika lill-IRGC u lill-forzi sussidjarji tiegħu, inkluż il-Pulizija tal-Moralità tal-Iran, il-milizja paramilitari ta' Basij u l-Forza ta' Quds, bħala entità terroristika;
85. Itenni l-appoġġ tiegħu favur il-moviment paċifiku ta' oppożizzjoni fl-Iran kollu, li jipprotesta l-oppressjoni sistemika u dejjem tiżdied tan-nisa u l-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; jikkundanna r-reġim Iranjan għall-kampanja tiegħu ta' fastidju, sorveljanza, ħtif ta' persuni u theddid ta' mewt kontra l-attivisti Iranjani u għad-diskriminazzjoni sistematika tiegħu kontra n-nisa permezz ta' liġijiet u regolamenti li jirrestrinġu b'mod sever il-libertajiet tagħhom; jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu internazzjonali ta' investigazzjoni u ta' obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gvern Iranjan;
86. Jikkundanna r-reġim Iranjan għall-forniment tiegħu ta' tagħmir militari lir-Russja fl-aggressjoni krudili u illegali ta' din tal-aħħar kontra l-Ukrajna; jisħaq li r-Repubblika Iżlamika qed tikkontribwixxi għad-delitti tal-gwerra fl-Ukrajna, peress li t-tagħmir qed jintuża biex jiġu mmirati ċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili, u jappella għal rispons robust tal-UE għall-involviment tal-Iran fil-gwerra tar-Russja; jikkundanna l-isponsorizzazzjoni tal-Iran ta' gruppi terroristiċi ddeżinjati, inklużi l-Hezbollah, il-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika Palestinjana; jesprimi tħassib dwar l-effett destabilizzanti ta' tali attivitajiet fuq il-Lvant Nofsani u l-prospetti għall-paċi bejn Iżrael u l-Palestina; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati u miġġielda l-attivitajiet malinni u destabilizzanti usa' tal-Iran fil-Lvant Nofsani u lil hinn minnu; jopponi bil-qawwa d-diplomazija tal-Iran dwar l-ostaġġi u jitlob li ċ-ċittadini Ewropej kollha miżmuma fl-Iran jinħelsu u jitħallew jitolqu mill-pajjiż; jistieden lir-reġim f'Teheran iwaqqaf il-kampanja ta' intimidazzjoni u ta' repressjoni tiegħu kontra l-gruppi ta' dijaspora Iranjana fl-UE u madwar id-dinja; jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri jkunu konxji tat-tattiċi ta' repressjoni tranżnazzjonali speċifiċi użati mill-Iran;
87. Jesprimi tħassib serju dwar l-arrikkiment kontinwu tal-uranju mir-Repubblika Iżlamika sa purità ta' 60 % u l-ksur ripetut tagħha tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK); iħeġġeġ it-tkomplija tan-negozjati dwar it-Trattat tal-PAKK;
88. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' min jistmerrihom mill-Hamas kontra Iżrael u jesprimi l-appoġġ tiegħu lill-Istat ta' Iżrael u lill-poplu tiegħu; jirrikonoxxi d-dritt ta' Iżrael għall-awtodifiża, kif minqux fid-dritt internazzjonali u ristrett minnu, u li bħala tali li l-azzjonijiet ta' Iżrael iridu jikkonformaw strettament mad-dritt umanitarju internazzjonali; jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni umanitarja li marret għall-agħar ħafna fl-Istrixxa ta' Gaża u jappella għal pawżi umanitarji sabiex tkun tista' tingħata għajjnuna lill-popolazzjoni ċivili fl-Istrixxa ta' Gaża; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tkompli u żżid l-għajjnuna umanitarja tagħha lill-popolazzjoni ċivili fiż-żona u jtenni li trid tkompli tingħatalhom

għajnuna umanitarja tal-UE; iħeġġeġ lill-Eġittu u lil Iżrael jikkooperaw mal-komunità internazzjonali biex jistabilixxu kurituri umanitarji għall-Istrixxa ta' Gaza; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Awtorità Palestinjana ilha ma torganizza elezzjonijiet mill-2005, u dan ifixkel il-kredibbiltà tagħha, u jistenna li jsiru elezzjonijiet dalwaqt;

89. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għal soluzzjoni ta' żewġ Stati nnegożjata għal Iżrael u għall-Palestina abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'żewġ stati sovrani u demokratiċi bħala ġirien paċifiċi u b'Ġerusalem bħala l-kapital kondiviża tagħhom; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Istati Membri jieħdu inizzjattiva Ewropea biex is-soluzzjoni ta' żewġ Stati terġa' titqiegħed fit-triq it-tajba; ifakkar li l-insedjamenti fit-territorji okkupati Palestinjani huma illegali skont id-dritt internazzjonali; jappella għal tmiem immedjat għall-politika ta' insedjament, li hija impediment ewlieni għall-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ Stati; jenfasizza li l-appoġġ kontinwu lill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib jibqa' element ewlieni tal-istrateġija tal-UE għall-kontribut għall-istabbiltà u l-paċi fil-Lvant Nofsani;
90. Jirrikonoxxi li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tippreżenta kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet għall-Istati fl-Asja Ċentrali, li tradizzjonalment żammew relazzjonijiet mill-qrib mar-Russja; jinsab imħasseb dwar il-persjoni Russa u Ċiniża eżerċitata fir-reġjun u jisħaq fuq l-ħtieġa li tiżdied il-preżenza tal-UE fl-Asja Ċentrali b'rispons għal dan; jissottolinja l-interess tal-UE biex iżżid ir-relazzjonijiet ekonomiċi u tintesifika r-rabtiet politiċi mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, parzjalment biex tiġi indirizzata iċ-ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarusja; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi, b'mod partikolari dawk tal-Każakistan, tal-Kirgistan u tal-Uzbekistan, jikkooperaw mill-qrib mal-UE, b'mod partikolari mal-Mibgħut tas-Sanzjonijiet tagħha, u jfakkar ukoll, f'dan ir-rigward, ir-rilevanza ta' relazzjonijiet ta' ħidma aktar mill-qrib mal-OSKE;
91. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippromwovu riformi politiċi u ekonomiċi li jsaħħu l-istat tad-dritt, id-demokrazija, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jħeġġu relazzjonijiet tajba mal-ġirien; itenni li l-pajjiżi kollha tar-reġjun tal-Asja Ċentrali jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw il-Karta tan-NU, b'mod partikolari l-prinċipji ta' rispett għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha;
92. Jilqa' l-eżiti tat-tieni Forum Ekonomiku UE-Asja Ċentrali f'Almaty ta' Mejju 2023 u t-tieni laqgħa bejn il-President tal-Kunsill Ewropew u l-Kaprijiet ta' Stat tal-ħames pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali f'Ġunju 2023; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffirmaw il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) mal-Kirgistan, jiffinalizzaw il-ħidma preparatorja għall-iffirmar tal-EPCA mal-Uzbekistan u jagħmlu progress malajr fin-negożjati li għaddejjin għal Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni mat-Taġikistan;
93. Ifakkar li l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali huma fornituri ewlenin tal-materja prima u tal-enerġija; huwa tal-fehma li l-UE għandha interess qawwi li terġa' tagħti spinta lir-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-Kaspju mhux biss bħala żona ekonomika reġjonali, iżda wkoll bħala alternattiva għall-Pont il-Ġdid tal-Art tal-Ewrażja, li jgħaddi mit-territorju Russu u Belarussjan għalkemm ġie ssanzjonat; jisħaq fuq is-sinifikat tal-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali tul ir-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-

Kaspju, anke sabiex jiġi attirat finanzjament għal proġetti infrastrutturali fl-ambitu tal-Global Gateway;

94. Itenni n-nuqqas ta' rikonoxximent tiegħu tal-Gvern Afgan *de facto*; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni ekonomika u umanitarja gravi fl-Afganistan, kif ukoll dwar il-ksur tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet fil-pajjiż; jiddunzja t-tnaqqis drastiku fil-kapaċità tal-Programm Dinji tal-Ikel li jipprovdi għajjnuna alimentari lill-popolazzjoni tal-Afganistan u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li tiġi pprovduta għajjnuna umanitarja kritika lill-popolazzjoni Afgana u jiżguraw finanzjament supplimentari għall-għajjnuna ta' emerġenza; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli jipproponi l-idea tal-prosekuzzjoni tal-mexxejja Talibani fil-QKI għad-delitti tagħhom kontra n-nisa u l-bniet;
95. Isostni l-ħames punti ta' riferiment fundamentali adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Settembru 2021 u li jservu bħala prinċipji ta' gwida għal impenn futur mat-Talibani iżda jemmen li jeħtieġ li jsir sforz importanti biex tiġi defnita strateġija fit-tul bil-għan li tindirizza l-emerġenza rigward id-drittijiet tal-bniedem u l-apartheid tal-ġeneru li qed naraw fl-Afganistan illum; jišhaq li l-programm ta' evakwazzjoni tal-UE għan-nies fl-Afganistan li ħadmu għall-missjonijiet Ewropej, li kienu qed joqogħdu fuq il-protezzjoni Ewropea u għadhom f'periklu imminenti ma jistax jintemm sakemm in-nies li jissodisfaw il-kriterji jibqgħu fil-pajjiż;
96. Jiddeplora l-veto tal-Federazzjoni Russa, fil-laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-11 ta' Lulju 2023, fir-rigward tat-tiġdid tar-Riżoluzzjoni 2672(2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-twassil transfruntier ta' għajjnuna umanitarja lil persuni fil-Majjistral tas-Sirja permezz ta' Bab al-Hawa, it-tqegħid f'riskju ta' aktar minn erba' miljun persuna li jiddependu mill-għajjnuna umanitarja biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom għall-ikel, għall-mediċina u għal provvisti vitali oħra; jieħu nota tar-riintegrazzjoni tas-Sirja fil-Lega Għarbija; iqis li ma tistax isseħħ normalizzazzjoni mar-reġim Sirjan attwali u jišhaq li l-proċess politiku Sirjan huwa staġnat;
97. Itenni li reġun Indo-Paċifiku paċifiku, liberu, konness, miftuħ, stabbli u bbażat fuq ir-regoli huwa interess Ewropew vitali; jinsab imħasseb li l-kompetizzjoni kbira fil-poter qed timponi parametri fuq il-kapaċità tal-UE li tippromwovi l-multilateraliżmu fir-reġjun; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li l-laqgħa Asja-Ewropa għadha mxejjla minħabba t-tensjonijiet ġeopolitiċi mar-Russja; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli biex jaħdem mar-reġjun, kif muri mill-koorganizzazzjoni u l-presidenza konġunta mal-Presidenza Żvediża tal-Forum Ministerjali bejn l-UE u r-reġjun Indo-Paċifiku fit-13 ta' Mejju 2023 u l-parteċipazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli fil-Forum Reġjonali tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fl-14 ta' Lulju 2023; jitlob lill-UE tappoġġja b'mod attiv il-Forum Ministerjali dwar il-Kooperazzjoni fir-Reġjun Indo-Paċifiku bħala avveniment annwali;
98. Jinkoraġġixxi rabtiet politiċi aktar mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma, f'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku, b'mod partikolari mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea, mal-Awstralja, ma' New Zealand, mat-Tajwan u mal-istati membri tal-ASEAN, inkluż dwar is-sigurtà marittima, in-nonproliferazzjoni u r-reżiljenza għat-theddid ibridu; jilqa' l-isforzi tas-SEAE fil-bini tal-kapaċitajiet fir-

reġjun Indo-Paċifiku li għandu l-għan li joħloq reżiljenza kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-persuni mas-sħab tagħna, b'mod partikolari l-iskambji fost iż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni ċivika u bejn il-gruppi ta' riflessjoni; jissottolinja li l-preżervazzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u l-libertà tan-navigazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku tibqa' ta' importanza kritika għall-interessi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;

99. Jistieden lir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea tirrinunzja għall-programmi tagħha dwar l-armi tal-qerda massiva u l-missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli; jiddeplora, bl-aktar mod qawwi possibbli, id-delitti kontinwi kontra l-umanità u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiż iwettqu proċess ta' riforma li biha d-drittijiet tal-bniedem kollha jkunu rispettati u protetti; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li l-UE u l-komunità internazzjonali jipprevjenu l-kooperazzjoni militari u l-iskambji tal-armi bejn ir-Russja u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea;
100. Jinnota li l-isfidi ġeopolitiċi saħħew l-interess kondiviż tal-UE u l-Indja fl-iżgurar tas-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli; jilqa' l-ħolqien tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija UE-Indja; jitlob li jsir summit bejn l-Indja u l-UE biex ir-relazzjonijiet bilaterali jinżammu fuq quddiem fl-aġenda; jenfasizza l-importanza ta' konklużjoni b'suċċess tan-negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Indja, filwaqt li jitqiesu s-sensittivitajiet fuq iż-żewġ naħat; jesprimi t-tama li l-Indja tallinja l-pożizzjoni tagħha dwar l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna ma' dik tal-komunità trans-Atlantika u jistieden lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli jkomplu bl-isforzi diplomatiċi f'dan ir-rigward;
101. Jesprimi tħassib serju dwar l-aħħar bidliet fil-pożizzjoni domestika u militari taċ-Ċina mill-20 Kungress Nazzjonali tal-Partit Komunista Ċiniż; iqis li l-asservità dejjem tikber taċ-Ċina, parzjalment permezz ta' politika ta' sfurzar ekonomiku, tibqa' waħda mill-isfidi ġeopolitiċi primarji tas-seklu 21; huwa tal-fehma li ċ-Ċina turi li għandha kemm l-intenzjoni kif ukoll, dejjem aktar, is-setgħa ekonomika, diplomatika, militari u teknoloġika li tiddel l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; jinsisti li dan jirrikjedi rispons multidimensjonali li permezz tiegħu l-UE żżomm l-involvement selettiv tagħha maċ-Ċina fuq għadd ta' kwistjonijiet ewlenin filwaqt li tneħħi r-riskju tar-relazzjoni tagħha billi tnaqqas dejjem aktar id-dipendenza ekonomika f'setturi kritiċi, f'konformità mal-istrateġija tas-sigurtà ekonomika tal-UE; jinnota li l-involvement sostantiv maċ-Ċina qed isir dejjem aktar diffiċli minħabba l-kompetizzjoni aktar prominenti u d-dimensjonijiet tar-rivalità sistemika; jisħaq li ċ-Ċina għadha importanti f'ħafna oqsma ta' politika, inkluż it-tibdil fil-klima; iwissi li t-tkabbir kontinwu tas-sħubija strateġika Sino-Russa, inkluż fl-oqsma tat-trasferimenti tat-teknoloġija u tal-kapaċitajiet militari, jista' jżid il-kapaċità taċ-Ċina li tobbliga lis-sħab tal-UE fl-Asja u madwar id-dinja; itenni l-appell tiegħu għal strateġija aktar assertiva bejn l-UE u ċ-Ċina li tiffirma r-relazzjonijiet maċ-Ċina fl-interess tal-UE u tqis bis-sħiħ l-isfidi li jirriżultaw mill-qawmien taċ-Ċina bħala attur globali;
102. Jikkundanna atti ta' gwerra ibrida, bħal attackki ċibernetiċi, kampanji ta' diżinformazzjoni u s-sorveljanza jew l-ispjunaġġ taċ-ċittadini Ċiniżi fl-UE; iħeġġeġ liċ-Ċina ttemm minnufih dawn l-atti malizzjużi u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza elettorali tagħha u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw, b'urġenza, inizjattivi relatati mal-interferenza barranija fil-proċessi

demokratiċi kollha fl-UE, inkluża d-diżinformazzjoni, kif issuġġerit mill-Parlament; jikkundanna s-sanzjonijiet kontra l-Membri tal-Parlament Ewropew (u entitajiet oħra tal-UE) u l-parlamenti nazzjonali u jappella għat-tneħħija immedjata u bla kundizzjoni tagħhom;

103. Jikkundanna s-sistema tax-xogħol furzat immexxija mill-Gvern Ċiniż u l-ksur tagħha tad-drittijiet tal-bniedem, li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem qal li jista' jikkostitwixxi delitti kontra l-umanità, inkluż riskju għoli ta' ġenoċidju f'Xinjiang u delitti kontra l-umanità fit-Tibet u fil-Mongolja Interna, kif ukoll il-politiki oppressivi kontra minoranzi etniċi oħra; ifakkar li l-“Politika ta' Ċina waħda” tal-UE tibqa' l-pedament tar-relazzjonijiet UE-Ċina; jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-prinċipju ta' “pajjiż wieħed, żewġ sistemi” u jikkundanna kwalunkwe ksur possibbli tiegħu; itenni l-kundanna tiegħu tal-imminar tad-demokrazija mill-Partit Komunista Ċiniż fir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, inkluża s-sorveljanza tal-massa, id-deterjorament kontinwu tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-impożizzjoni tal-Liġi tas-Sigurtà Nazzjonali f' Hong Kong; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-istatus awtonomu ta' Hong Kong fid-dawl tal-ksur miċ-Ċina tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti Sino-Brittanika u Sino-Portugiża u r-repressjoni tal-awtonomija ta' Hong Kong;
104. Jisħaq il-ħtieġa li tiġi żgurata approċċ Ewropew magħqud meta ċ-Ċina tuża l-influwenza ekonomika biex issikket l-oppożizzjoni għall-abbużi tagħha tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ liċ-Ċina tinvestiga u tipprevjeni kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali; ifakkar li ċ-Ċina, bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, għandha responsabbiltà speċjali fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-Kristjani u ta' minoranzi reliġjużi oħra, inkluża l-libertà ta' qima tagħhom fiċ-Ċina, peress li jiffaċċjaw persekuzzjoni kontinwa;
105. Jikkundanna x-xejra dejjem tikber tar-repressjoni tranżnazzjonali miċ-Ċina u jistieden lil dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom ma għamlux dan biex jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni tagħhom maċ-Ċina u ma' Hong Kong u jagħlqu l-“istazzjonijiet tal-pulizija” illegali kollha li fadal fit-territorji tagħhom; jistieden lis-SEAE jimmonitorja mill-qrib il-proċessi tal-priġunieri politiċi f' Hong Kong u jappella għall-ħelsien ta' priġunieri politiċi bħal dawn, inkluż il-fundatur ta' Apple Daily, Jimmy Lai;
106. Jieħu nota tal-aħħar Summit tal-BRICS li sar f'Johannesburg f' Awwissu 2023 u tal-oġġettivi ġeopolitiċi taċ-Ċina fir-rigward tal-BRICS; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' xi membri tal-BRICS+ biex jiġġieldu l-influwenza globali dejjem tikber taċ-Ċina;
107. Iħeġġeġ lill-UE u liċ-Ċina jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u, b'mod aktar ġenerali, fir-rigward tal-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-governanza tal-oċeani; jitlob lill-UE ssaħħa il-kooperazzjoni mar-Renju Unit, mal-Istati Uniti, mal-Ġappun u ma' atturi ewlenin oħra fil-politika dwar l-oċeani u s-sajd, bl-użu tal-għodod diplomatiċi tagħha biex tħeġġeġ liċ-Ċina tagħmel progress fir-riformi meħtieġa tal-qafas ta' governanza tagħha dwar is-sajd;

108. Jikkundanna bil-qawwa l-provokazzjonijiet militari kontinwi taċ-Ċina kontra t-Tajwan u jtenni ċ-ċaħda soda tiegħu għal kwalunkwe bidla unilaterali fl-*istatus quo* fl-Istrett tat-Tajwan; jenfasizza li l-asserzjonijiet territorjali taċ-Ċina ma għandhom l-ebda bażi fid-dritt internazzjonali; jiddenunzja, barra minn hekk, l-imblukkar miċ-Ċina tal-parteċipazzjoni tat-Tajwan f'organizzazzjonijiet multilaterali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-Tajwan f'organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħad-WHO, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima; itenni li t-Tajwan huwa sieħeb ewlieni tal-UE u alleat demokratiku fir-reġjun Indo-Paċifiku; jirrikonoxxi l-importanza tat-Tajwan fl-iżgurar ta' ktajjen ta' provvista globali, speċjalment fis-settur tat-teknoloġija avvanzata, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvolve ruħhom f'kooperazzjoni aktar mill-qrib mat-Tajwan; jilqa' ż-żjarat fit-Tajwan, mill-2021, minn delegazzjonijiet uffiċjali konsekuttivi mill-kumitati tal-Parlament u jstieden lill-Kummissjoni tnedi, mingħajr dewmien, miżuri preparatorji għal negozjati dwar ftehim bilaterali ta' investiment mat-Tajwan;
109. Jiddenunzja d-dikjarazzjonijiet mill-President Ċiniż li ċ-Ċina mhi qatt se tirrinunzja għad-dritt li tuża l-forza fil-konfront tat-Tajwan; jinnota li la t-Tajwan u lanqas iċ-Ċina mhuma subordinati għal xulxin; jesprimi tħassib serju dwar l-użu taċ-Ċina ta' diżinformazzjoni ostili biex tiġi mminata l-fiducia fid-demokrazija u l-governanza tat-Tajwan; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkooperaw mas-sħab internazzjonali biex jgħinu ħalli tiġi sostnuta d-demokrazija fit-Tajwan, iżommuha ħielsa mill-interferenza u mit-theddid barranin, u jissottolinja li l-Gvern tat-Tajwan elett b'mod demokratiku biss jista' jirrappreżenta lill-poplu Tajwaniż fix-xena internazzjonali; jinnota l-ħtieġa li ssir enfasi wkoll fuq id-diplomazija preventiva biex tiġi evitata kwalunkwe żieda fit-tensjoni fl-Istrett tat-Tajwan;
110. Jinnota li ċ-Ċina ffukat fuq it-tisħiħ tal-influwenza tagħha fir-reġjun Indo-Paċifiku permezz ta' aktar għajjnuna, żvilupp, diplomazija u kooperazzjoni fis-sigurtà matul l-aħħar għaxar snin; jenfasizza li jeħtieġ li r-riżorsi jinġabru flimkien biex tissaħħa b'mod effettiv l-impronta politika tal-UE u biex l-UE tiġi affermata bħala sieħeb affidabbli u strateġiku fil-Paċifiku; iħeġġeġ lill-Istati Membri jingħaqdu flimkien u jinvolve ruħhom f'livell ministerjali mal-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku; jisħaq li segwitu serju għall-COP27 huwa tħassib ewlieni għall-pajjiżi fir-reġjun u għalhekk iħeġġeġ lis-SEAE jippromwovi appoġġ globali għal tranżizzjoni ekoloġika sostenibbli u jżid id-diplomazija tiegħu dwar il-klima biex jikkonsolida l-kooperazzjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-miżuri ta' mitigazzjoni;
111. Jissottolinja li l-ASEAN hija alleat kruċjali fit-tisħiħ tal-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli; jappella għal kooperazzjoni mill-qrib f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-mexxejja konġunti UE-ASEAN tal-14 ta' Diċembru 2022 sabiex tissawwar id-dinamika reġjonali lil hinn mir-restrizzjonijiet binarji tal-kompetizzjoni bejn iċ-Ċina u l-Amerka; jisħaq ukoll, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza li tiġi ppreżervata l-libertà tan-navigazzjoni fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tax-Xlokk taċ-Ċina; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni UE-ASEAN 2023-2027;
112. Jilqa' l-iffirmar tal-Ftehim ta' wara Cotonou u l-protokolli reġjonali tiegħu, li se jagħti lok enfasi reġjonali mingħajr preċedent fuq il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-

Paċifiku, u jitlob li ssir ratifika malajr kemm mill-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku kif ukoll mill-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli biex jiżguraw li s-summit UE-Unjoni Afrikana ta' Frar 2022 ikun segwit sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-inizjattivi ta' interess komuni u jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fl-Afrika; jenfasizza li l-UE għandha ssegwi prijoritajiet ġeografiċi fuq livell bilaterali, b'enfasi fuq sħab Afrikani ewlenin, iżda wkoll fuq livell reġjonali, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' strateġiji reġjonali għall-pajjiżi tas-Saħel u tal-kosta, ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar u l-Qarn tal-Afrika; jilqa', f'dan il-kuntest, l-Operazzjoni Atalanta, li, bħala l-ewwel operazzjoni navali tal-UE bl-objettiv iddedikat li tippoteġi l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel tan-NU, saret operazzjoni ta' suċċess kontra l-piraterija; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jikkunsidraw li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-Operazzjoni Atalanta;

113. Jagħti importanza partikolari lit-tisħiħ tal-kollaborazzjoni fis-sigurtà mal-pajjiżi tal-Golf tal-Guinea, filwaqt li jappoġġja l-integrazzjoni u s-solidarjetà intrareġjonali tagħhom; jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament tal-istabbiltà fis-Saħel, aggravat mill-kolp ta' stat militari fin-Niġer u d-dissoluzzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi; ma jirrikonoxxi u mhux se jirrikonoxxi l-awtoritajiet li jirriżultaw mill-kolp ta' stat fin-Niġer; itenni l-appell ċar ħafna tiegħu għar-restawr sħiħ, mingħajr dewmien, tal-ordni kostituzzjonali u jassoċja bis-sħiħ lilu nnifsu mad-dikjarazzjonijiet tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent u tas-sħab Afrikani u internazzjonali tagħha f'dan ir-rigward;
114. Jiddenunzja l-interferenza tar-Russja fl-Afrika, b'mod partikolari permezz tal-impronta akbar tal-Grupp Wagner fil-kontinent, u jikkundanna bil-qawwa l-abbuż u d-delitti mwettqa; ifakkar li l-istabbiltà fis-Saħel għandha riperkussjonijiet diretti fuq is-sigurtà u l-istabbiltà tal-fruntieri esterni Ewropej fil-Mediterran; jitlob lill-UE żżid ir-riżorsi u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tagħna fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin permezz tal-Mediterran u l-Belarusja u tneħħi n-networks kriminali użati għat-traffikar tal-bnedmin; huwa tal-fehma li l-politika tal-UE fir-rigward tas-Saħel ma pproduċietx ir-riżultati mistennija u jieħu nota tat-tħabbira tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli dwar ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-UE fir-rigward tas-Saħel;
115. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-approċċ attwali jiġi adattat sabiex tinżamm l-influenza u jitlob li jissaħħaħ l-involvement u l-appoġġ tal-UE għar-reġjun; jilqa' t-tħejjija tal-Kummissjoni ta' "approċċ strateġiku ġdid" għas-sħubija mal-Afrika, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżviluppaw sħubija ta' benefiċċju reċiproku li tiffoka fuq kwistjonijiet komuni għall-Ewropa u għall-Afrika; jilqa' l-Pakkett ta' Investiment tal-Global Gateway UE-Afrika ta' EUR 150 biljun, li għandu l-għan li jappoġġja lis-sħab Afrikani fl-iżvilupp ta' rkupru u trasformazzjoni b'saħħithom, inklużivi, ekoloġiċi u diġitali; iqis li l-isforzi biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni u jintwera aħjar l-appoġġ tal-UE lill-Afrika jridu jżiedu u jittejbu b'mod urġenti;
116. Jisħaq fuq il-fatt li l-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur jikkostitwixxi waħda mill-isfidi ewlenin tas-seklu 21, b'mod partikolari peress li kważi 60 % tal-riżorsi akwiferi jaqsmu fruntieri territorjali politiċi; jenfasizza li l-iskarsezza tal-ilma tista' twassal għall-aktar kunflitti serji jekk ma jkunx previst l-użu tal-flussi b'mod integrat u kondiviż; jenfasizza

l-ħtieġa li l-UE tadotta strateġija biex taġevola soluzzjonijiet teknoloġiċi u ġeopolitiċi f'żoni affettwati mill-iskarsezza tal-ilma, li għandha potenzjal ta' destabbilizzazzjoni kbir; ihegġegħ lill-pajjiżi li jinsabu fiż-żoni ewlenin ta' kunflitt relatat mal-ilma biex jiffirmaw il-Konvenzjoni ta' Helsinki tal-1992 dwar l-Ilma rigward il-protezzjoni u l-użu ta' passaġġi fuq l-ilma transfruntiera u lagi internazzjonali;

117. Jinnota li l-UE għandha tiegħu interess partikolari biex issaħħaħ mill-ġdid is-sħubija tagħha mal-pajjiżi tal-Amerka Latina u l-Karibew; jinnota li l-involvement tal-UE fir-reġjun naqas f'dawn l-aħħar deċennji, u dan ħoloq vakwu għal atturi malinni barranin; ihegġegħ lill-pajjiżi fl-Amerka Latina jadottaw attitudni aktar soda ta' kundanna tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga fl-Amerka Latina, li għandha wkoll impatt fuq l-UE; jappella għal żieda sostanzjali fil-kooperazzjoni makroreġjonali biex jiġi miġġieled dan il-fenomenu;
118. Jieħu nota tas-Summit tas-17 u t-18 ta' Lulju 2023 bejn l-UE u l-Komunità tal-Istati tal-Amerka Latina u tal-Karibew u jixtieq li dan itejjeb ir-relazzjonijiet bilaterali, b'mod partikolari minħabba l-influenza dejjem akbar taċ-Ċina u tar-Russja fl-Amerka Latina u fil-Karibew; jistieden lill-Istati Membri u lis-SEAE jsegwu diplomazija proattiva fir-reġjun, b'enfasi qawwija fuq id-difiża tal-ordni globali multilaterali, tad-dritt internazzjonali u tar-rispett għad-demokrazija u għad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim Qafas Avvanzat UE-Ċili u jitlob li jsir progress lejn l-iffirmar u r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Messiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Presidenza tal-Kunsill Spanjola u lill-Presidenza tal-Kunsill Belġjana javvanzaw b'mod deċiżiv u jikkonkludu l-ftehim mal-Mercosur qabel it-tmiem tal-mandat parlamentari attwali, filwaqt li jżommu l-oġġla livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar is-sostenibbiltà; ifakkar ukoll fil-ħtieġa li tiġi ffinalizzata r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerka Ċentrali;
119. Jisħaq fuq l-importanza li jitrawmu relazzjonijiet saħansitra aktar b'saħħithom man-Norveġja, is-sieħeb l-aktar assoċjat mill-qrib tal-UE permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li jsir progress fin-negozjati għal ftehim ġdid mal-Iżvizzera u li jsir progress fin-negozjati dwar ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' Andorra u ma' San Marino; jieħu nota tas-sospensjoni tan-negozjati dwar ftehim ta' assoċjazzjoni ma' Monaco;
120. Jappella għal involvement aktar b'saħħtu tal-UE fl-Artiku, peress li huwa ta' importanza ġeostrateġika ewlenija għall-UE fid-dawl tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, il-kompetizzjoni industrijali u ekonomika, it-theddid għas-sigurtà, fost l-oħrajn ikkawżat mill-espansjoni militari Russa fit-Tramuntana Estrema, u l-libertà u s-sikurezza tan-navigazzjoni; jinnota li n-NATO enfasizzat is-sinifikat tat-Tramuntana Estrema, b'mod partikolari minħabba l-espansjoni ta' rotot marittimi possibbli, l-aċċess għar-riżorsi naturali, il-konservazzjoni tal-klima u l-pretensjonijiet territorjali, li kollha jistgħu jwasslu għal tensjonijiet ġeopolitiċi akbar; jenfasizza li l-involvement tal-UE fir-reġjun irid jinvolvi l-kooperazzjoni mas-sħab lokali, inklużi l-popli indiġeni;
121. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għall-istrateġija dwar is-sigurtà marittima tal-UE, billi l-libertà tippreżenta sfida dejjem akbar; jinsisti li l-libertà tan-navigazzjoni trid tiġi rrispettata f'kull ħin bi prijorità mogħtija lit-tnaqqis tat-tensjoni fuq il-prevenzjoni tal-

kunflitti armati u tal-inċidenti militari;

122. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni multilaterali fil-ġestjoni taż-żoni marittimi protetti; jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni multilaterali fil-ġestjoni taż-żoni tal-baħar protetti; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa aġenda polari Ewropea bi skop li tfittex li tintegra l-ambizzjonijiet reġjonali tagħha fil-PESK tagħha u li tiġbor flimkien l-interessi konsiderevoli tal-Istati Membri fix-xjenza, fil-konservazzjoni tal-oċeani, fis-sajd, fil-paċi reġjonali u fil-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli; jappella għal dialogu msaħħaħ bejn l-UE u ċ-Ċina u l-Antartika;

o

o o

123. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jabbozza riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, bħala tveġiba għar-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Din ir-riżoluzzjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tal-PESK u hija komponent ewlieni tal-kontribut tal-Parlament Ewropew għall-azzjoni esterna tal-UE, b' mod partikolari fir-rigward tad-dritt imsaħħa ta' skrutinju mogħti lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona.

Ir-rapport tal-2023 huwa r-riżoluzzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-PESK f' din il-leġislatura. Bħala tali, jista' jaġixxi wkoll bħala gwida għall-prijoritajiet ta' Kummissjoni u Rappreżentant Għoli ġodda. Fir-rapport tiegħu, ir-Rapporteur għażel li jiffoka fuq ix-xejriet strateġiċi li jiddefinixxu l-orjentazzjoni ġenerali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE u li aggravaw il-ħtieġa li l-UE tiddefinixxi l-interessi tagħha u tuża l-kapaċitajiet biex issegwihom. Dawn ix-xejriet jinkludu r-riperkussjonijiet globali tal-gwerra Russa li għaddejja bħalissa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, kompetizzjoni ġeopolitika li qed tiżdied kif ukoll tentattivi biex jiġu mminati l-organizzazzjonijiet multilaterali u jiġi ddefinit mill-ġdid il-bilanċ globali tal-poter. Bi tveġiba għal dawn ix-xejriet, ir-rapport jirrakkomanda li l-UE tkun iggwidata mill-valuri u l-prinċipji, li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess. Filwaqt li jqis dan il-qafas normattiv, ir-rapport jirrakkomanda li l-UE ssawwar il-PESK abbażi tal-erba' azzjonijiet li ġejjin:

- a. L-indirizzar tal-konsegwenzi dinjija tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna
- b. L-adattament progressiv tal-istrutturi, l-istrumenti u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE,
- c. It-tisħiħ u d-definizzjoni ta' multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli
- d. L-affermazzjoni tal-interessi permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi robusti u sħubijiet tal-istess fehma

Kull wieħed minn dawn il-prinċipji huwa żviluppata f' aktar dettall fir-rapport li jipprovdi gwida għall-eżekuttivi futuri tal-UE meta jiġu ddefiniti l-prijoritajiet tal-PESK għall-mandat li jmiss.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-abbozz ta' rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità persuna	u/jew
SEAE, Taqsima tal-Affarijiet Parlamentari	
Konrad Adenauer Stiftung	
Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-Unjoni Ewropea	
International IDEA	
Bertelsmann Stiftung	

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	28.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 8 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Pedro Marques, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimír Bilčík, Jakop G. Dalunde, Loucas Fourlas, Christophe Grudler, Anja Ħaġa, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtos, María Soraya Rodríguez Ramos, Bert-Jan Ruissen, Mick Wallace, Elena Yoncheva, Milan Zver
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clare Daly, Mónica Silvana González, Miguel Urbán Crespo

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

41	+
NI	Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Anja Ħaġa, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Milan Zver
Renew	Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtos, María Soraya Rodríguez Ramos, Salima Yenbou
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Elena Yoncheva
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

8	-
ECR	Charlie Weimers
ID	Jean-Lin Lacapelle, Bernhard Zimniok
NI	Kinga Gál, Kostas Papadakis
The Left	Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Mick Wallace

7	0
ECR	Anna Fotyga, Bert-Jan Ruissen, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski
Verts/ALE	Mounir Satouri, Jordi Solé

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni